MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2009

Numru 56/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Tonna**
**V**

**ANDREW SCERRI**
**MATTHEW RANDON**
**ANDREW GALEA**
**DANIEL CASSAR TRIGONA**
**BEN CHRISTOPHER CASSANO**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **ANDREW SCERRI** ta' wiehed w ghoxrin sena bin John Mary u Camilla nee Galea Testaferrata, imwieled Pieta nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Novembru 1987, detentur tal-karta tal-identita numru 536687M, **MATTHEW RANDON** ta' ghoxrin sena bin Robert u Josephine nee Camilleri, imwieled Pieta nhar s-sitta w ghoxrin ta' Gunju 1988 u residenti 50, Triq Dun Gwann

Theuma, H'Attard, detentur tal-karta tal-identita numru 304788M, **ANDREW GALEA** ta' ghoxrin sena bin Thomas u Susan nee Richardson, im wieled Londra nhar l-erbatax t'April 1988 u residenti 'Quccata', Triq tal-Fjuri, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita numru 134088M, **DANIEL CASSAR TRIGONA** ta' dsatax il-sena, bin Patrick u Antida nee Fenech Conti, imwieled r-Romania nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Lulju 1989 u residenti Flat 4, De Vilhena Court, Triq Santa Marija, Sliema, detentur tal-karta tal-identita numru 579489M u **BEN CHRISTOPHER CASSANO** ta' ghoxrin sena bin Mario u Brenda nee Knights, imwieled r-Renju Unit nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Marzu 1988 u residenti 1A, Tina Flats, Triq Censu Tanti, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita numru 0126402L gew imressqa quddiemha akkuzati talli nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Jannar 2006, ghal habta tal-ghaxra w nofs ta' bil-lejl, fi Triq d-Dragonara, Paceville, San Giljan:

1. Minghajr l-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' haddiehor f'perikolu car, ikkagunaw feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Alan Bonello minn Rahal Gdid hekk kif iccertifikat minn Doctor Marc Gingell Littlejohn MD fl-isptar San Luqa;

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebbew ghal istess Alan Bonello minn Rahal Gdid sabiex jingurjawh, idejjquh jew jghamlulu hsara;

3. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, gewwa San Giljan, voluntarjament kisru l-bon ordni w il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied;

**Lil Daniel Cassar Trigona wahdu;**

4. Talli kkommetta reat waqt li kien taħt ordni ta' probation kif wkoll kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti b'sentenza li saret definittiva liema sentenza nghatata nhar d-dsatax t'Ottubru 2004 mill-Magistrat Dottor Anthony G. Vella.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-istqarrija tal-imputati esibiti a fol. 20 et seq tal-atti, s-sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat Daniel Cassar Trigona nhar d-dsatax t'Ottubru 2004 per Magistrat Dottor Anthony Vella (fol. 181), kif wkoll l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Dicembru 2007 (fol. 418) sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputati, din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet lil imputati kollha jiddikjaraw fis-seduta tal-erbgha w ghoxrin ta' Jannar 2008 (fol. 421) li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni kif wkoll lil imputati jixhdu minn jeddhom b'mod voluntarju salv u b'eccezzjoni ghal Daniel Cassar Trigona.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tad-disgha w ghoxrin t'Ottubru 2009.

Ikkunsidrat:

Illi nhar t-tletin ta' Jannar 2006 **xehed l-Ispettur Mario Tonna** (fol 75) fejn qal li nhar il-wiehed w ghoxrin ta' Jannar 2006 ghall-habta tal-hdax neqsin kwart ta' bil-lejl, il-pulizija ta' San Giljan kienu nfurmati li fit-tarf ta' Dragonara Road fejn hemm l-istabbiliment maghruf bl-isem '7 Rooms' kien hemm glieda fejn kien hemm persuna mitluqa w imwegga' mal-art. Qal li PS 447 Martin Agius, li kien *duty* gewwa Paceville, mar fuq il-post fejn uhemmhekk sab lil Alan John Bonello detentur tal-karta tal-identita numru 58388M .Meta giet mitkellem mill-pulizija dan qal li kienu ghadhom kif daruh diversi nies u cioe grupp ta' zghazagh ohra, li kienu tawh xebgha u hallewh mitluq mal-art. Ix-xhud kompla jghid li Alan John Bonello kien ittiehed l-isptar San Luqa permezz t'ambulanza, fejn kien gie nvistat minn Doctor Mark Gingell Littlejohn li kien ccertifikah bhala li kien qed isofri minn diversi griehi ta' natura gravi. Spjega li Alan John Bonello kien mizmum l-isptar gewwa l-MS 2 Ward fejn

kien gie rilaxxjat sussegwentement fl-erbgha w ghoxrin ta' Jannar 2006.

Qal li meta hu kien kellem lil Alan John Bonello dan kien indikalu li kien hemm certu Andrew Scerri mill-Imdina li dan, gimgha qabel il-gurnata 'n kwistjoni, kellhom xi argument zghir gewwa 'Havana Club' u *in between* il-perjodu ta' gimgha, dan Andrew Scerri, flimkien ma Alan John Bonello, kienu ghamlu diversi kuntatti u kellhom jiftiehmu sabiex jiltaqghu dik il-gurnata tal-wiehed w ghoxrin ta' Jannar 2006, sabiex jaghmlu paci sa fejn kien jaf hu.

Fil-fatt, zied jghid x-xhud, Alan John Bonello kien anke baghat SMS lil Andrew Scerri, fejn kien qallu sabiex jiltaqghu halli jhallaslu *drink* sabiex jirrangaw l-affarijiet. Qal li skond Alan John Bonello, kien hemm diversi kuntatti bit-telefon sabiex jiltaqghu, fejn fl-ewwel darba kien gie mitlub li jiltaqghu fejn il-garaxxijiet li jinsabu fi Triq Ross, fil-parti mudlama ta' fejn il-kumpless 'Dean Hamlet'. Qal li Alan John Bonello kien stqarr mieghu li kien issuspetta xi haga hazina w ghalhekk kienu ftehmu li jiltaqghu fejn il-'Bamboo' w s-'7 Rooms'.

Spjega li Alan John Bonello kien stqarr li meta iltqaghu, dawn argumentaw ftit bil-kliem u Andrew Scerri tah daqqa ta' ponn direttament f'ghajnejh, li permezz taghha waqa' mal-art u fil-pront daru ghalih diversi guvintur u bdew jaghtuh bis-sieq u bil-ponn waqt li kien mal-art u hallewh hemmhekk bid-demm hiereg minnu, sakemm waslet l-ambulanza u l-pulizija.

Stqarr li minn investigazzjonijiet li hu ghamel, irrizulta li l-imsemmi Andrew Scerri detentur tal-karta tal-identita numru 536687M flimkien ma Matthew Randon, detentur tal-karta tal-identita numru 304788M, Andrew Galea detentur tal-karta tal-identita numru 134088M, Daniel Cassar Trigona detentur tal-karta tal-identita numru 579489M u Ben Christopher Cassano detentur tal-karta tal-identita numru 126402L, li gharaf bhala l-imputati presenti fl-awla, kienu nvoluti f'dan l-incident w ghalhekk dawn il-persuni kienu kollha gew arrestati wara li gab

*warrant of arrest* mill-allura Magistrat tal-ghassa Dottor Abigail Lofaro u kienu kollha interrogati fejn rrilaxxjaw stqarrija kull wiehed. Qal li Matthew Randon, flimkien ma Andrew Galea, kienu rrilaxxjaw it-tieni stqarrija wara li kienu nghataw is-solita twissija.

Spjega li meta ccekkja l-*mobile phones* tal-persuni ndagati, waqt l-investigazzjoni, rrisultalu wkoll li Ben Christopher Cassano kien rcieva SMS minghand xhud li kien ser jigi prodott iktar tard, fejn kien infurmah li dakinhar tal-wiehed w ghoxrin ta’ Jannar 2006, kellu jkun hemm glieda w ghalhekk talbu sabiex jinghaqad mall-grupp sabiex jaghmlu din il-glieda. Fil-fatt, zied jghid x-xhud, anke minn diversi SMS’s ohra u minn *calls* ohra fuq il-*mobile phone* ta’ Andrew Scerri, liema zewg *mobile phones* kienu gew prezentati mal-prezentata ta’ dan il-kaz, jindikaw li kien ser ikun hemm glieda u li ser jigi attakkat Alan John Bonello. Fil-fehma tieghu din kienet premeditata bi tpattija ghall-incident ta’ qabel.

Qal li wara li dawn il-persuni kienu kollha nterrogati u gew kompluti l-investigazzjonijiet min naha tal-pulizija, nhar it-tlieta w ghoxrin ta’ Jannar 2006, l-imputati presenti kienu mressqa taht arrest quddiem il-Magistrat Dottor Dennis Montebello. Ix-xhud esebixxa estratt mill-att tat-twelied tal-imputati li gew immarkati bhala Dok. CSH 1 sa CSH 5, l-kunsens tal-Avukat Generali li gie mmarkat bhala Dok. CSH 6, certifikat tal-konsulent Dental Surgeon Doctor A. Cassar rigward griehi li garrab Alan John Bonello li gie mmarkat bhala Dok. CSH 7, l-okkorrenza relattiva li giet immarkata bhala Dok. CSH 8, kopja li kiteb hu minn fuq SMS tal-*mobile phone* ta’ Ben Christopher Cassano li kien jghid ‘*Listen man, this is Nick. On Saturday we have a fight at Anvil. It’s gonna be big. Bring the others but not the Bormla guy*.’ li giet immarkata bhala Dok. CSH 9.

In kontr’ezami, ix-xhud Spettur Mario Tonna stqarr li kien iltaqa mal-vittma Alan John Bonello l-ewwel darba l-isptar, aktarx nhar t-tlieta w ghoxrin ta’ Jannar 2006. spjega li f’wiccu kellu diversi griehi kif inhuma elenkati fic-certifikat mediku esebit. Qal li ma kienx cert jekk kellux xi feriti fuq ghajnejh pero jaf li kellu xi marki madwar ghajnejh.

Mistoqsi jekk elevax il-*mobile phone* ta’ Alan John Bonello wiegeb fin-negattiv, ghalkemm numru tal-*mobile phone* tieghu kellu. Sussegwentement, kompla jghid x-xhud, hu m’ghamilx verifiki dwar l-*incoming* u *outgoing phone calls* li saru fuq il-*mobile phone* ta’ Alan John Bonello.

Illi nhar t-tletin ta’ Jannar 2006 **xehed Doctor Mark Gingel Littlejohn** (fol 90) fejn meta gie muri l-*patient certification form* fil-konfront ta’ Alan John Bonello, esebit fl-atti mmarkat bhala Dok. MT 4 a fol 19, ikkonferma li dan gie mahrug minnu nhar l-wiehed w ghoxrin ta’ Jannar 2006. Ikkonferma li dakinhar tal-wiehed w ghoxrin ta’ Jannar 2006 hu kien ezamina lill-istess persuna u sab li kellu snienu ta’ fuq u zewg sinniet miksura, kellu qasma fuq widnejh ix-xellugija u tbengila fuq il-kappa ta’ ghanjejh ix-xellugija, girfa fuq ir-raba sabgha t’ idejh ix-xellugija, grif fuq dahru, tbengila kbira f’nofs mohhu bejn ghajnejh. Qal li rriskontra wkoll emorigija fl-abjad t’ghajnejh tan-naha tax-xellug, xi tbengil fuq l-ghadma ta’ mniehru u girfa fuq in-naha tal-lemin. Stqarr li dawn il-feriti effettwawlu l-estetika ta’ wiccu b’mod partikolari l-ksur li huwa kellu fi snienu ta’ quddiem liema snin miksura effettwalu l-estetika ta’ wiccu w ghalhekk ikklassfika l-feriti bhala ta’ natura gravi.

Illi nhar t-tletin ta’ Jannar 2006 **xehed il-vitma Alan John Bonello** (fol 92) fejn fuq domanda tal-Qorti, stqarr li ghandu tmintax il-sena. Ftakar li s-Sibt ta’ qabel u cioe l-wiehed w ghoxrin ta’ Jannar 2006 hu kellu argument mal-imputat Andrew Scerri, li gharaf presenti fl-awla. Qal li l-argument bejniethom kien fuq xi tfajliet. Zied jghid li l-ghada Andrew Scerri kien ghamel kuntatt mieghu permezz tal-internet u sahansitra anke cempillu u talbu sabiex jerġghu jaghmlu hbieb u hu m’oggezzjonax ghal din t-talba.

Qal li ghalhekk nhar is-Sibt, il-wiehed w ghoxrin ta’ Jannar 2006 kien mar il-Bamboo, peress li kienu ftehemu li jiltaqghu hemmhekk ghall-habta tal-ghaxra w nofs ta’ bil-lejl. Qal li Andrew Scerri ghall-ewwel kien issuggerixxa li jiltaqghu hdejn il-*park* il-bandli li hemm faccata tal-

'Wembley', pero finalment ma kienux ser jiltaqghu hemmhekk w iddeciew li jiltaqghu hdejn il-'Bamboo'.

Mistoqsi ghaliex kienu fil-fatt biddlu l-pjanijiet ix-xhud qal li dakinhar hu kellu l-*birthday* u kien ser ikun mal-hbieb il-'Bamboo' w ghalhekk kien cempel lil Andrew Scerri u qallu biex jiltaqghu il-'Bamboo'. Kompla jghid li Andrew Scerri ltaqa' mieghu wahdu hdejn il-'Bamboo' ghall-habta tal-ghaxra w nofs ta' filghaxija, meta dak il-hin hu kien hiereg mill-'Bamboo', flimkien mal-hbieb tieghu. Mistoqsi mill-Qorti ma min hareg ix-xhud wiegeb li mieghu kien hemm Kane, Glenn u certu Clayton. Qal li lkoll marru jiltaqghu ma Andrew Scerri u kif iltaqghu, Andrew sejjahlu sabiex imur ikellmu wahdu. Qal li hu avvicinah biex ikellmu u bdew jitkellmu meta fid-daqqa u l-hin Andrew Scerri qabad u tah daqqa ta' ponn u kissirlu z-zewg sinniet ta' quddiem. Sa dan it-tant, zied jghid x-xhud, fl-istess hin hass daqqa iebsa fuq rasu fuq in-naha ta' wara b'xi haga iebsa.

Mistoqsi mill-Qorti min tah din id-daqqa fuq rasu ix-xhud wiegeb li ma kellux idea u li sussegwentement sab ruhu mal-art u dak l-hin gharaf lil imputat Daniel Cassar Trigona minn lehnu li beda jaghtih bis-sieq waqt li kien mal-art. Zied jghid li apparti dawn in-nies u cioe Andrew Scerri u Daniel Cassar Trigona hu ma kien gharaf lil hadd iktar pero waqt li hu kien mal-art ra li kien hemm iktar minn zewg pari saqajn.

Mistoqsi mill-Qorti jekk jafx lill-akkuzati odjerni ix-xhud wiegeb li fost dawn in-nies jaf biss lil Andrew Scerri u lil Daniel Cassar Trigona, lill-akkuzati l-ohra ma jafhomx. Qal li wara li qala diversi daqqiet waqt li kien mal-art, l-agressuri tieghu telqu jigru lil hinn u ma rahomx iktar.

Sussegwentement zied jghid x-xhud, hu qam minn ma l-art, marru shabu, Kane, Glenn u Clayton u bdew iduru bih fis-sens li gabulu s-silg u bdew inehhulu d-dmija li kellu ma wiccu u wara giet l-ambulanza u l-pulizija u sab ruhu l-isptar.

Mistoqsi kemm kien hemm nies madwaru u mieghu waqt li kien mal-art, wiegeb li kien hemm iktar minn hamsa minn nies zgur ghax ra iktar minn hames pari saqajn madwaru. Qal li wara dan l-incident missieru gibed diversi ritratti tieghu permezz tad-*digital camera* tieghu w ipprometta li fis-seduta ta' wara jesebixxi din d-*digital camera*. Qal li wara dan l-incident spicca b'xi punti f'widnejh, kellu snienu ta' quddiem imkissra, kellu tbengil f'wiccu u kellu trawma fuqu. Qal li kellu wkoll ferita taħt ghajnejh l-leminija.

Illi nhar l-erbgha ta' Gunju 2007 **rega' xehed Alan Bonello** (fol. 286) fejn qal li bhala rizultat ta' dan l-incident, kien weġgħa mniehru kif wkoll kien ghadu jbati bih. Qal li kien inkisirlu mniehru bhala rizultat ta' dan l-incident u ghamel operazzjoni u minkejja dan, kien ghadu jbati bih. Qal li f'dan l-incident kienu kissrulu snienu, tnejn ta' quddiem u li kien jinsab b'*caps* pero xtaq jaghmilhom *fixed* u li kien ghadu jmur ghand id-*dentist*.

Illi nhar t-tletin ta' Jannar 2006 **xehed Nicholas Portelli** (fol. 95) fejn qal li hu ghandu sittax il-sena. Wara li l-Qorti spjegatlu x'inhu l-import u t-tifsira ta' gurament u hu ddikjara li fehem dan tajjeb, qal li jiftakar li nhar is-Sibt, l-wiehed w ghoxrin ta' Jannar 2006, hu kien cempel lil Andrew Scerri l-imputat odjern sabiex jistaqsieh fejn kien. Qal li dan kien ghall-habta tad-disgha w nofs jew l-ghaxra ta' bil-lejl. Qal li meta cempillu, Andrew Scerri qallu li kien hdejn il-Westin Dragonara Paceville u staqsieh biex jiltaqghu. Sussegwentement iltaqghu ma habib iehor tieghu certu Philip u bdew jitkellmu. Spjega li wara ftit tal-hin ra grupp zghazagh jigru 'l isfel u jaghtu lil ragel, certu John Alan Bonello li gharaf presenti fl-awla.

Mistoqsi min kienu n-nies li bdew jaghtu lil John Alan Bonello, ix-xhud wiegeb li kien hemm <u>Matthew Randon, Andrew Galea u Daniel Cassar Trigona.</u> Mistoqsi jekk hu jgharafx lil dawn it-tlieta min nies, wiegeb li jgharafhom u stqarr li huma tlieta mill-akkuzati odjerni. Mistoqsi jghid x'kienu qed jaghmlu dawn it-tlieta min nies li semma, ix-xhud wiegeb li <u>rahom jaghtu bis-sieq lil Alan John Bonello</u> u ra lil Alan John Bonello mindud ma l-art. Zied jghid li

fid-daqqa u l-hin ra lil kulhadd jitlaq jigri u Alan John Bonello iqum u jimxi fid-direzzjoni tal-Vivaldi Hotel. Qal li Alan John Bonello kien wahdu meta kien qed jaqla d-daqqiet. Zied jghid li hu avvicanah, staqsih jekk ghandux xi dmija u wiegbu li kellu u fil-fatt ra d-demm niezel minn wara widnejh. Qal li wara hu telaq ‘l hemm.

Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx jaf lil Matthew Randon, Andrew Galea u Daniel Cassar Trigona ix-xhud wiegeb li kien jafhom qabel l-incident. Mistoqsi mill-Qorti jekk jafx ghaliex bdew jaghtu ix-xhud wiegeb li ma kienx jaf pero sema li kien hemm xi nkwiet bejniethom il-gimgha ta’ qabel. Qal li kien semgha li kien inqala xi nkwiet il-gimgha ta’ qabel u cioe it-Tnejn ta’ wara li kien hemm dan l-argument in Naxxar, jigifieri qabel ma sehh dan l-incident in kwistjoni u cioe dan ta’ Paceville. Qal li sar jaf li Andrew Scerri kien qed ighid li kien Paceville ma xi nies fothom Gilbert Amato Gauci w iltaqghu ma certu Clayton u Alan John Bonello u kien hemm xi ncident.

Mistoqsi mill-Qorti jekk rax lil Andrew Scerri jaghti daqqa ta’ ponn lil Alan John Bonello ix-xhud wiegeb fin-negattiv ghax meta hu wasal fuq il-post Alan John Bonello kien diga mal-art. Qal li fejn kien qed isehh l-incident, kien hemm nies ohra u hu kien boghod minn fejn sehh l-incident xi ghaxar piedi u kellu vizjoni pjuttost cara u setgha jara x’kien qed jigri. Qal li fl-ebda hin ma ra lil Andrew Scerri jaghti bis-sieq.

Mistoqsi fejn kien Andrew Scerri, x-xhud wiegeb li kien propju magenb fejn kien hemm l-incident in kwistjoni pero ma rah fl-ebda hin jaghti. Qal li hu fl-ebda hin ma ppartecipa f’dan l-incident. Stqarr li qabel ma sehh dan l-incident hu kien baghat messagg permezz t’SMS lil Ben Christopher Cassano, li gharaf presenti fl-awla u qallu li kellhom glieda. Qal wkoll li waqt li kien il-*higher secondary* kien semgha li fil-fatt kien ser ikun hemm din il-glieda u dan ghaliex kien semgha proprju lil Andrew Scerri jghid li kien ser ikun hemm glieda kontra l-istess nies li hu kien iggieled maghhom is-Sibt ta’ qabel u fil-fatt kien baghat messagg lil Ben Christopher Cassano sabiex imur ghal din il-glieda. Qal li lil Ben Christopher Cassano ma

rahx hemm dak il-hin u li ma semgha ebda diskors waqt li Alan John Bonello kien mal-art. Spjega li ma kienx Andrew Scerri li qallu biex jibghat dan il-messagg lil Ben Christopher Cassano.

Mistoqsi jekk kienetx l-impressjoni tieghu jew semghax lil Andrew Scerri jghid li kien involut fi glieda, spjega li kien semgha lil Andrew Scerri jghid li hu kien sejjer jiggieled. Mistoqsi jekk jafx x'kien gara lil Andrew Scerri il-gimgha ta' qabel, wiegeb li kien semgha li kien qala daqqa go wiccu. Qal li kien semgha li Andrew Scerri kien flimkien ma Gilbert Amato Gauci u Malcolm u kien hemm grupp zghir ta' nies u spiccaw f'xi daqqiet. Qal li dan il-grupp ta' nies telqu lil hemm u reġghu rritornaw u gew fi grupp ikbar, w imbaghad Andrew Scerri qal li l-glieda kienet kontra certu Clayton u Alan John Bonello.

Mistoqsi jekk kienx hemm xi nies presenti waqt li Andrew Scerri qal dan id-diskors ix-xhud wiegeb li ma kienx jiftakar min kien hemm. Qal li fil-fatt mhux lilu kien qal hekk imma kien qed jghidu hekk lil grupp ta' nies.

Illi nhar t-tlettax ta' Novembru 2006 **xehdet WPC 185 Vanessa Xuereb** (fol. 185) fejn wara li giet murija l-istqarrija rilaxxjata nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Jannar 2006 mill-imputat odjern Andrew Galea a fol. 31 tal-process mmarkata bhala Dok. MT 9, ikkonfermat l-firma taghha, dik tal-Ispettur kif wkoll dik tal-indagat fuq l-istess. Ikkonfermat wkoll li din ittiehdet wara li gie moghti s-solita twissija.

Ix-xhud, wara li rat stqarrija ohra esebita f'dawn l-atti u mmarkata bhala Dok. MT 10 a fol. 35 tal-atti u cioe dik rilaxxjata mill-imputat Ben Christopher Cassano, ghalkemm ikkonfermat il-firma taghha u dik ta' l-Ispettur fuq kull faccata taghha, u kkonfermat li din giet rilaxxjata wara li gie moghti s-solita twissija qabel, ma kienetx f'posizzjoni tikkonferma l-identita tal-imputat.

Illi nhar t-tlettax ta' Novembru 2006 **xehdet Kane Azzopardi** (fol. 187) fejn qalet li kellha sbatax il-sena w ghalhekk il-Qorti spjegatilha l-import tal-gurament. Ix-

xhud ftakret li xi zmien wara l-Milied l-pulizija kienu baghtu ghaliha fl-ghassa tal-pulizija ta' San Giljan u kellmuha dwar xi incident li kien sehh Paceville. Ftakret li dan l-incident partikolari kien sehh hdejn il-'Bamboo', fil-vicinanzi ta' lukanda. Qalet li kien hemm hafna nies involuti f'dan l-incident fosthom l-imputati li gharfet prezenti fl-awla. Ikkonfermat li hi kienet tifforma parti mill-istess grupp u wara ftit inqalghet hafna konfuzjoni u hi kienet fil-vicinanzi taghhom meta nqala l-incident. Qalet li rat lil kulhadd fuq Alan John Bonello. Spjegat li kienu mal-grupp taghha qabel l-incident zgur pero jekk kienux fuq Alan John Bonello dak il-hin tal-aggressjoni ma setghetx tghid.

Qalet li fil-presenza taghha, l-imputat Andrew Scerri kien cempel lil Alan John Bonello jew Alan John Bonello kien cempel lilu, biex jirrangaw il-kwistjoni li kien hemm bejniethom minhabba li l-gimgha ta' qabel kien inqala xi ncident bejniethom. Qalet li Andrew Scerri ma kienx lahaq dahal il-'Bamboo' u lanqas l-imputati l-ohrajn ma kienu dahlu l-'Bamboo'. Qalet li t-telefonata saret ma genb il-lukanda fil-kantuniera. Kompliet tghid li fil-fatt effettivament, il-laqgha saret xi nofs siegha wara t-telefonata 'n kwistjoni. Spjegat li l-konfuzjoni bdiet wara li Alan John Bonello u Andrew Scerri tkellmu bejniethom. Cahdet dak suggerit mill-prosekuzzjoni illi hi qaltlu li effettivament rat lill-imputat jaghti bis-sieq lil Alan John Bonello. Spjegat li kienet tmur l-iskola San Andrea u li issa tattendi l-*higher secondary* tan-Naxxar. Ikkonfermat li lill-imputati rathom fil-lokalita maghrufa bhala 'Street Fellows' dakinhar tal-incident u li l-konversazzjoni bejn Alan John Bonello u Andrew Scerri ma saritx quddiemha pero taf li saret ghaliex kienet semghet biha. Qal li kienet rat lil Andrew Scerri jmur ikellem lil Alan Bonello u li kull darba li rat lil Alan John Bonello ma Andrew Scerri, kien quddiem is-'7 Rooms'. Qalet li l-incident sehh hdejn il-kantuniera tas-'7 Rooms'.

Spjegat li Andrew Scerri u Alan John Bonello bdew jitkellmu wahedhom u sussegwentement ingabret il-folla madwarhom. Qalet li l-grupp fejn kienu dawn in-nies li spiccaw fl-incident u fejn kienu Alan John Bonello u

Andrew Scerri, kien boghod minnhom xi hmistax il-metru, Alan John Bonello ma kienx wahdu, kellu zewgt ihbieb mieghu, liema nies ma kienetx taf. Qalet li lil imputati tafhom. Ziedet tghid li flimkien mal-imputati kien hemm nies ohrajn li resqu lejn Alan John Bonello u li kien hemm grupp ta' nies li ggieldu pero fuq Alan John Bonello mhux kulhadd kien. Qalet li kienet faccata tat-triq fejn hemm il-'Vivaldi Hotel' u ma setghetx tarahom ezatt minn fejn kienet. Qalet li lil Alan John Bonello ma ratux u fil-fatt l-isem ta' Alan John Bonello gie mgharraf lilha mill-pulizija. Ikkonfermat li dakinhar hi semghet xi nies jghidu, '*halluh… halluh…*' fil-konfront tal-persuna li kienet qed taqla, liema persuna sussegwentement saret taf li jismu Alan John Bonello. Qalet li lil Alan John Bonello qatt ma kellmitu la qabel l-incident u lanqas wara. Qalet li wara l-glieda rat persuna mimlija demm fuq wiccu u saret taf li hija l-istess Alan John Bonello li kienu qalulha bih l-pulizija u li kien jismu hekk.

Kompliet tghid li kienet taf li s-Sibt ta' qabel kienet sehhet glieda bejn Andrew Scerri u certu Alan John Bonello, meta kienu l-iskola. Qalet li kienet semghet wkoll li kienu ser jippruvaw jirrangaw bejniethom. Qalet li ma kienetx f'posizzjoni tghid jekk Andrew Scerri tax jew le, ghalkemm ratu hemmhekk ma grupp ta' nies li kienu madwar din il-persuna li wara saret taf li jismu Alan John Bonello. Qalet li rat lil Andrew Scerri u lil Alan Bonello jitkellmu fil-bidu ta' l-incident, wahedhom w imbaghad bdew jghajjtu u wiehed imbotta lil iehor, u cioe <u>Andrew Scerri mbotta lil Alan John Bonello</u> u sussegwentement il-grupp indahal fil-kwistjoni u waqfet. Qalet li Andrew Scerri kien fil-grupp, pero jekk kienx hu jew le li ta bis-sieq, ma setghetx tghid.

Illi nhar t-tlettax ta' Novembru 2006 **xehdet WPC 136 Charlene Ciantar** (fol 192) fejn wara li rat l-istqarrija ta' Matthew Randon esebita f'dawn l-atti mmarkata bhala Dok. MT 6 a fol. 34, ikkonfermat fuqha l-firma taghha, dik tal-Ispettur Mario Tonna, filwaqt li l-imputat Matthew Randon kien ghazel li ma jiffirmax din l-istqarrija. Ikkonfermat wkoll li din l-istqarrija ttiehdet wara li dan l-imputat gie moghti s-solita twissija.

Meta x-xhud giet murija stqarrija ohra mmarkata bhala Dok. MT 10 a fol. 33 li hija stqarrija ta' Daniel Cassar Trigona, ix-xhud ikkonfermat l-firma taghha, u dik ta' l-ispettur Mario Tonna u ta' Daniel Cassar Trigona fuqha. Ikkonfermat wkoll li qabel ma ttiehdet din l-istqarrija l-imputat odjern nghata wkoll is-solita twissija.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin ta' Settembru 2007 **regghet xehdet WPC 136 Charlene Ciantar** (fol 363) fejn meta giet murija d-Dok. MT 7 a fol. 23, li hija stqarrija rilaxxjata mill-imputat Matthew Randon li gharfet prezenti fl-awla, bhala l-imputat, ikkonfermat li din l-istqarrija li tikkonsisti f'zewg faccati, giet rilaxxjata minnu fit-tnejn w ghoxrin ta' Jannar 2006. Ikkonfermat fuqha l-firma taghha, dik tal-imputat Matthew Randon kif wkoll tal-Ispettur Mario Tonna fuq iz-zewg faccati taghha.

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Dicembru 2006 **xehed Clayton Attard** (fol 220) fejn mistoqsi jekk jiftakarx li l-pulizija kienet baghtet ghalih rigward incident li gara Paceville, wiegeb fl-affermattiv. Qal li hu kien tiela Paceville, ma Alan John Bonello u f'xi hin cempel Andrew Scerri, li gharaf prezenti fl-awla, biex jkellem lil Alan John Bonello u qallu li xtaq li jiltaqa mieghu u ftehmu li jiltaqghu iktar 'l isfel mill-istabbiliment 'Bamboo' gewwa Paceville fil-hinijiet ta' bil-lejl. Qal li hu mar ma Alan John Bonello biex jiltaqghu ma Andrew Scerri u meta waslu hemm, Andrew Scerri dak il-hin kien wahdu u Alan u Andrew bdew jitkellmu bejniethom. Qal li maghhom kien hemm wkoll Glenn Attard u Kane Azzopardi. Qal li wara sar jaf li Andrew Scerri u shabu li gharaf bhala l-impuati presenti fl-awla, kienu daru ma Alan John Bonello.

Qal li sussegwentement dahal gewwa biex jitlob l-ghajnuna u x'hin hareg kienu kollha kemm huma jsawtu lil Alan John Bonello kemm bis-sieq u kif wkoll bl-idejn. Qal li hu ma kienx jaf r-raguni ghaliex dan gara u li Alan John Bonello spicca kollu demm u haduh bl-ambulanza l-isptar.

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Dicembru 2006 **xehed Glenn Attard** (fol. 222) fejn qal li jiftakar li l-pulizija kienet baghtet ghalih f'Jannar 2006 u kellmuh fuq incident li kien sar

f’Paceville. Ftakar li hu kien tiela Paceville ma shabu, fosthom Alan John Bonello u li xi hin cempel Andrew Scerri lil Alan John Bonello u qallu li xtaq ikellmu u ftehmu li jiltaqghu dakinhar stess iktar ‘l isfel mill-‘Bamboo’. Qal li hu mar flimkien ma Alan John Bonello u certu Clayton u habib iehor taghhom Kane u stennew hemmhekk sakemm jasal Andrew Scerri. Qal li x’hin wasal, Andrew Scerri beda jkellem lil Alan John Bonello u wara ftit gew hafna nies u ra lil Alan John Bonello bid-demm.

Mistoqsi kif spicca Alan John Bonello bid-demm wiegeb l’ ghaliex beda jaghtih Andrew Scerri li gharaf bhala l-imputat presenti fl-awla. Mistoqsi jekk rax lill-ko akkuzati jaghtu wkoll, wiegeb li l-iktar li ra kien lil Andrew Scerri jaghti ghaliex lil ohrajn m’gharafhomx.

Illi nhar t-tlieta w ghoxrin t’April 2007 **xehed Alex Cassar** (fol 258), Konsulent fid-Dipartiment tad-Dentistrija, fejn qal li ra lil Alan John Bonello f’Jannar 2006 fl-isptar San Luqa fejn irriskontra li kellu hsara fuq tliet sinniet fis-sens li l-*incisor* tan-naha tal-lemin kellha frattura li tinvolvi li jghamillu d-denti ghalkemm kienet ghadha qed tirrispondi ghal testijiet tal-kesha u l-elettriku. Qal li l-*incisor* fuq in-naha tax-xellug tal-halq kellha ftit hsara ohra u kienet ghadha hajja fil-fatt u l-*incisor* fuq in-naha tax-xellug laterali li hija deskritta bhala *sublaxation,* kellha daqqa u ccaqalqet mill-post taghha. Qal li hu lill-pazjent fil-fatt darba biss rah u *follow ups* mieghu ma kellux ghaliex kellu jmur jara lid-dentist tieghu privat.

Mistoqsi mill-Qorti jekk dawn il-feriti humiex ta’ natura gravi, stqarr li estetikament huma, peress li trid issir restorazzjoni pero jiddependi kemm idum biex id-*dentist* privat tieghu biex jaghmel din ir-restorazzjoni. Qal li l-problema tkun li l-futur tibqa dejjem incerta ghaliex jista ma jkunx hemm success fuq it-*treatment* li jsir fuq dawn is-snien. Qal li meta qal estetikament huma gravi, dan qalu ghaliex sinna wahda hija miksura w ohra hija ccippjata. Qal li dak iz-zmien kien hemm ukoll funzjoni li kienet effettwata u li ma setghax jghid jekk hemmx permanenza jew le peress li l-pazjent kien mar imbaghad

ghand id-*dentist* privat tieghu. Qal li min naha tieghu, hu kien rah bhala *out-patient*.

Illi nhar t-tlieta w ghoxrin t'April 2007 **xehed PS 547 Martin Agius** (fol 262) fejn qal li fil-wiehed w ghoxrin ta' Jannar 2006 kien stazzjonat l-ghassa San Giljan meta xi hin bil-lejl, waqt li kiena xoghol Paceville gie nfurmat li kien hemm argument barra l-Hotel Vivaldi hdejn il-'Bamboo' w ghalhekk mar fuq il-post fejn sab ambulanza li hadet lil certu Alan John Bonello l-isptar. Qal li sussegwentement tkellem ma Alan John Bonello waqt li huwa kien qieghed l-isptar u staqsieh x'kien gara. Qal li Alan John Bonello kien qallu li kien hemm grupp ta' guvintur li kienu daru ghalih u fosthom kien gharaf lil certu Andrew Scerri. Ix-xhud esebixxa l-okkorrenza relattiva ghal dan ir-rapport li giet immarkata bhala Dok. Z. Zied jghid li sussegwentement ghadda din l-investigazzjoni lis-superjuri tieghu.

Illi nhar t-tlieta w ghoxrin t'April 2007 **xehed PS 665 Spiteri** (fol. 269) fejn ftakar li fil-wiehed w ghoxrin ta' Jannar 2006 kien ircieva rapport waqt li kien stazzjonat l-ghassa tal-pulziija San Giljan, Paceville ghall-habta tal-hdax neqsin kwart ta' bil-lejl li kien hemm xi glieda barra mill-Hotel Vivaldi hdejn is-'Seven Rooms' u mar fuq il-post flimkien ma PS 547 Martin Agius. Qal li sussegwentement mar mas-surgent l-isptar biex jaraw il-vittma Alan John Bonello li meta kellmuh stqarr li kellu jiltaqa hdejn l-istabbiliment maghruf bhala '7 Rooms' f'Paceville ma certu Andrew Scerri u dan sabiex jitkellmu fuq xi problemi li kellhom bejniethom fil-passat. Sussegwentement qallu li meta dan Andrew Scerri rah, tah daqqa ta' ponn u meddu mal-art. <u>Qal li Alan John Bonello sussegwentement qallu li kien hemm xi ghaxar pari ta' saqajn jaghtuh bis-sieq pero m'gharafx min kienu.</u>

Illi nhar l-erbgha ta' Gunju 2007 **xehed Gilbert Amato Gauci** (fol. 284) fejn qal li jiftakar li fil-wiehed w ghoxrin ta' Jannar 2006 kien il-hanut maghruf bl-isem ta' 'Streetfellows' u ma grupp ta' hbieb fosthom Malcolm Zammit. Mistoqsi mill-prosekuzzjoni jekk marx go hanut iehor, wiegeb li ma jiftakarx. Mistoqsi jekk semghax lil

shabu jew xi nies madwaru jaghmlu xi ftehim permezz ta' telefon, wiegeb li assolutament ma kien semgha xejn. Mistoqsi jekk jafx lill-imputati odjerni wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi mill-Qorti jekk dakinhar Andrew Scerri kienx fl-istabbiliment 'Streetfellows' wiegeb fl-affermattiv, ghalkemm ma kienx hdejh, imma kien fl-istess stabbiliment. Qal li hu fl-ebda hin ma semghu jitkellem ma xi hadd fuq it-telefon pero fejn mar wara huwa ma kienx jaf.

Illi nhar l-erbgha ta' Gunju 2007 **xehed Kane Alexander Smith** (fol. 288) fejn qal li gurnata fost l-ohrajn tas-sena 2006, kien fil-hanut maghruf bhala 'Streetfellows', anzi f'karozza ta' Chris Attard, flimkien ma Alan John Bonello, Clayton Attard u Glenn Attard. Qal li hu w Alan John Bonello u Clayton Attard xi hin hargu barra mill-karozza u dak l-hin Alan ircieva telefonata u skond ma qal Alan, din kienet minghand Andrew Scerri, li gharaf prezenti fl-awla bhala l-imputat. Qal li dak il-hin Alan qallu li Andrew kien qallu sabiex jiltaqghu sabiex jaghmlu hbieb. Qal li kien sema lil Alan John Bonello, peress li kien ma gembu jghid li kien lest li jmur hdejn il-'Bamboo' w ghalhekk hu, flimkien ma Alan, Clayton u Glenn marru hdejn il-'Bamboo'.

Spjega li hekk kif waslu hemm, ra lil Andrew Scerri, l-imputat odjern, wahdu, li ha lil Alan John Bonello xi erbgha metri boghod minn fejn kienu huma, u fid-daqqa w il-hin <u>ra Andrew Scerri jaghti daqqa lil Alan u jnizzlu mal-art u sussegwentement kien hemm wiehed li qasam it-triq flimkien ma xi zghazagh ohra, u bdew jaghtu fuqu</u>. Qal li <u>lill-imputati l-ohrajn</u>, apparti Andrew Scerri, <u>ma jgharafhomx</u>. Zied jghid li wara mar igib l-ghajnuna minn gewwa l-'Bamboo' u kif hareg ra li kien hemm Alan John Bonello mal-art ghaliex l-ohrajn kienu telqu.

Mistoqsi mill-Qorti fejn qala' d-daqqa Alan Bonello <u>minghand Andrew Scerri wiegeb li qala d-daqqa f'wiccu, fil-parti ta' geddumu</u>. Ikkonferma li meta rcieva t-telefonata Alan John Bonello, hu kien magenbu u sema' lil Alan jghid li allegatament kien gie mistieden biex jiltaqa' ma Andrew Scerri. Qal li wara dar fuqu Alan u qallu li

kellu jiltaqa ma Andrew Scerri hdejn il-'Bamboo' u huma marru mieghu sabiex jekk jinqala xi incident, ikunu lesti li jaghtuh l-ghajnuna. Qal li qabel kien hemm xi glieda ma Andrew Scerri li fiha ma kienx involut hu. Qal li kienu miggeldin Andrew Scerri u Alan John Bonello. Ftakar li qabel din l-okkazzjoni tat-telefonata kien hemm incident iehor fejn kienu nvoluti xi hames min nies, l-istess hames min nies li marru dakinhar hdejn il-'Bamboo'. Qal li huma ma marrux biex niltaqghu ma Andrew Scerri biex jiggieldu mieghu, marru biss biex jekk jinqala xi haga jkunu mieghu u jzommuh milli jiggieled. Qal li hu ma kienx iggieled fl-incident ta' qabel. Rega' tenna li huma ma marrux hdejn il-'Bamboo' biex jiggieldu. Qal li fil-'Bamboo Bar' dakinhar kien hemm aktar minn shabhom gewwa, li wara hargu biex jiggieldu.

In kontr'ezami ix-xhud stqarr li fl-ewwel incident kienu nvoluti Alan John Bonello, Clayton Attard, Glenn Attard, Andrew Scerri u xi hadd iehor. Ix-xhud qal li m' gharafhomx lin-nies li kienu ma Andrew Scerri dakinhar tal-ewwel incident li sehh hdejn il-'Kayoke Bar' f'Paceville pero Andrew Scerri ma kienx wahdu dakinhar. Qal li kien minnu li Andrew Scerri dakinhar qala wkoll xi daqtejn. Stqarr li huma lkoll kienu barra l-'Kayoke Bar' meta nqala l-ewwel incident u li dakinhar tal-ewwel incident, Alan Bonello kien wkoll ta daqqa, kif wkoll ta Clayton Attard. Qal li fl-ewwel incident hu ma kienx mar jaghti l-ghajnuna. Qal li fl-ewwel incident hu kien xi tlett metri boghod u damu xi hames jew ghaxar minuti jaghtu. Qal li fl-ewwel incident hu qaghad ihares lejhom jaghtu.

Ghar-rigward it-tieni incident, ix-xhud qal li Alan John Bonello ma kienx wahdu ghaliex kienu kien hemm hu, Clayton Attard u Glenn Attard. Qal li Andrew Scerri kien qed jistenna hdejn il-'Bamboo' meta waslu huma w huma mxew lil hemm u Andrew Scerri ha lil Alan John Bonello xi erbgha metri boghod minnhom u ghal darb'ohra kkonferma li tah daqqa f'geddumu. Qal li hu ma semghahomx jitkellmu la lil Alan u lanqas Andrew u kull ma jaf kien li Andrew Scerri lil Alan qallu '*isma*' u ressqu lejh. Rega' tenna li Andrew Scerri lil Alan Bonello tah daqqa ta' ponn f'geddumu. Cahad dak suggerit mid-difiza

li li kienet daqqa ta' minkeb. Zied jghid li dak il-hin Andrew Scerri baqa jaghti lil Alan John Bonello u wara gew iktar nies madwaru u meta Alan John Bonello spicca mal-art, ra lil Andrew Scerri jaghtih daqqa f'zaqqu kif wkoll f'saqajh u anke nies ohrajn bdew jaghtuh u meta Andrew Scerri kien qed jaghti, kien hemm nies ohra madwaru. Qal li hu dak il-hin mar igib l-ghajnuna. Zied jghid li hu kien xi erbgha jew hames metri boghod minn fejn Andrew Scerri kien qed jaghti.

Mistoqsi jghid bil-gurament tieghu jekk kienx Andrew Scerri li kien qed jaghti bis-sieq, ix-xhud wiegeb hekk ghamel ghaliex rah jaghmel hekk. Qal li kien hemm xi ghaxar min nies madwar Alan John Bonello w ikkonferma li lil Andrew Scerri rah jaghti bis-sieq u li kien fuq quddiem. Qal li nies ohrajn li marru jaghtu ma Andrew Scerri, kienu mohbija u minn fejn gew ma keinx jaf ghaliex gew minn wara stabbiliment maghruf bl-isem '7 Rooms'. Kompla jghid li wara li Andrew Scerri ta d-daqqa, damu xi tlett sekondi jew hamsa sakemm hargu l-ohrajn. Qal li huma kienu marru l-'Bamboo' biex jitolbu l-ghajnuna u ma marrux jippruvaw iwaqqfuhom ghaliex shab Andrew Scerri hargu mill-ewwel.

Illi nhar s-sittax ta' Lulju 2007 **xehed Eric Farrugia** (fol 295) fejn qal li hu kien gie nominat b'digriet ta' din il-Qorti tal-erba ta' Gunju 2007 sabiex jezamina lil Alan John Bonello 'n konnessjoni mal-feriti li kellu f'imniehru wara li kien gie awtorizzat jara l-*medical history file* tal-istess Alan John Bonello. Qal li fit-tlieta ta' Lulju 2007 ezamina lil Alan John Bonello, u dan fil-kapacita tieghu bhala espert fl-ENT. Qal li kien ghamel referenza ghan-noti mizmuma mill-isptar.

Spjega li Alan John Bonello kien allega mieghu li effettivament kien qala' xebgha fil-wiehed w ghoxrin ta' Jannar 2006 u dahal fl-emergenza ta' San Luqa peress li kien qed jinfarag u beda jobzoq demm anke minn halqu.

Qal li hu ra n-noti ta' Alan John Bonello u minn dak li rrizultalu, u cioe minn dak li kiteb it-tabib tal-emergenza,

rrizulta li dan il-pazjent kellu ksur fis-sinna fuq in-naha ta' fuq, *back incisor* u kellu *lacero contused wound* n-naha tax-xellug, kif wkoll kellu tbengila min-naha tax-xellug ta' l-imnieher. Qal li meta kien gie ezaminat f'ENT minn Doctor Cutajar, li wkoll innota li kellu mniehru mghawweg lejn l-lemin, li beda jostakola n-nifs mill-imnieher, li l-qarquca ta' l-imnieher kienet dritta u ma kienx hemm tbengil fil-qarquca tal-imnieher u fil-fatt ttiehed X Rays t'imniehru u sussegwentement Alan John Bonello attenda l-*outpatients* ENT fil-wiehed w ghoxrin ta' Jannar 2006 u l-X Rays urew li kellu ksur fl-imnieher fl-ghadma u waqt l-ezami ta' dakinhar deher li l-imnieher kien mghawweg lejn il-lemin.

Sussegwentement Alan Bonello dahal ghal *reduction fracture nasal bone* fi Frar 2006. Kompla jghid li waqt l-ezami li ghamel fit-tlieta ta' Lulju 2007, Alan John Bonello kien ilmenta li kellu ugiegh fuq l-ghadma t'imniehru u kellu mniehru ghadu daqsxejn mghawweg lejn il-lemin u xi daqqiet jkollu ostaklu ghal nifs minn imniehru.

Zied jispjega li meta ezaminalu n-*nostrils* tal-imnieher, sabhom f'posthom u kien hemm daqsxejn deformita fis-*soft part* tal-imnieher u cioe fin-*nasal canal,* ghaliex in-*nostrils* m'humiex indaqs. Qal li kien anke ra xi ritratti antiki ta' qabel dan l-incident u wara ra dawn ir-ritratti flimkien fil-hdax ta' Lulju 2007 w ikkonkluda li d-deformita ta' *soft part* ta l-imnieher kienet tezisti hemm qabel l-incident u kien hemm iktar *development* fuq il-qarquca tal-lemin li kienet mghawwga lejn il-lemin. Spjega li huwa qed jkollu *intermittent nasal obstruction* li fil-fehma tieghu, minhabba t-trawma li huwa sofra. Ikkonkluda li l-istat tal-imnieher llum bhala dehra, gie tajjeb wara li hu kellu intevent u l-ghadam tal-imnieher llum huwa f'postu. Qal li d-*deformity* mhux kagun tal-incident. Zied jghid li t-tghawwiga tal-qarquca fuq gewwa tal-imnieher tista tkun kagun tal-incident li qed tikkawzalu din l-*obstruction intermittently* u l-ugiegh huwa kwistjoni soggettiva. Ikkonferma li llum l-gurnata ma hemm ebda sfregju fil-wicc, u li l-feriti huma *minor* salv li ma jkollux bzonn xi intervent minn gewwa. Ix-xhud esebixxa r-relazzjoni tieghu bhala Dok EF.

Illi nhar s-sittax ta' Lulju 2007 **xehed l-Konsulent Alexander Azzopardi** (fol. 299) fejn qal li hu kien gie nominat b'digriet tal-erbgha ta' Gunju 2007 sabiex jezamina lil Alan John Bonello u jiddeskrivi l-kundizzjoni tas-snien tieghu partikolarment it-tnejn ta' quddiem u wara li kien awtorizzat jara l-*medical history file* tieghu mizmum l-isptar San Luqa.  Spjega li hu ezamina lil Alan John Bonello fit-tlieta w ghoxrin ta' Gunju 2007 fl-isptar San Luqa wara li ra l-*file* relattiv tieghu w irrizulta li kellu snienu kollha hlief dawk ta' l-ghaqal.  Qal li rrizultalu wkoll li kellu l-*mandable* ta' fuq, idjaq minn dik ta' isfel li jirreferu ghaliha bhala *cross bite,* fis-sens li s-snien ta' fuq ma jmissux ma t'isfel meta jaghlaq il-halq u huma daqsxejn sporguti 'l barra.  Ikkonferma li ma kien hemm l-ebda ksur ta' snien fil-halq salv ghat-tnejn centrali ta' quddiem.  Qal li wara li ezaminah u hadtlu xi X Rays  issugerixxa li ighamel  *root treatment upper right central incisor*  u li jsir xi *cover* ta' din is-sinna iktar 'l quddiem.  Stqarr li ccekkja wkoll it-*treatment* ta' dawn is-snien u sab li dik li effettivament kellha *root treatment,* mhix hajja filwaqt li l-ohra huma hajjin.  Qal li ghamel referenza ghall-informazzjoni li sab fil-*file* mizmum fid-Dental Department.

Spjega li mill-*file* jidher li Alan John Bonello gie ezaminat fit-tlieta w ghoxrin ta' Jannar 2006 minn Alan Bartolo li huwa Dental surgeon li nnota dak li sablu.  Kompla jghid li fir-relazzjoni tieghu hemm wkoll xi X Rays li huma esebiti. Ix-xhud kompla jispjega li s-sinniet li hu ddeskriva, huma t-tnejn centrali ta' quddiem u <u>minhabba kif Alan John Bonello jaghlaq halqu, dawn is-snien jidhru iktar</u>.

<u>Mistoqsi jekk il-feriti li kellu f'halqu Alan John Bonello meta ezaminah, setghux kienu hemm qabel it-tlieta w ghoxrin ta' Jannar 2006, wiegeb li fil-fehma tieghu, huwa *unlikely* u qal li dawn il-feriti mhux *likely* li kienu hemm iktar minn erbat ijiem qabel l-ezami li sar</u>.  Ix-xhud esebixxa r-relazzjoni tieghu bhala Dok. AA.  Esebixxa wkoll il-*card* ta' halq Alan John Bonello bhala Dok. AA 1.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin ta' Settembru 2007 **xehed Martin Bajada** (fol. 323) fejn qal li hu kien gie nominat

minn din il-Qorti sabiex johrog il-kontenut ta’ zewg *mobile phones* u esibixxa r-relazzjoni tieghu maghmula ghal dawn il-fini, bhala Dok. MB.

Minn ezami tal-istess jirrizulta li nhar l-wiehed w ghoxrin ta’ Jannar 2006, fil-hdax u erbgha w hamsin minuta, Andrew Scerri baghad messagg ghal fuq *telephone number* 99876473 bil-kliem “*ejja Bamboo u nirrangaw em ha nhalaslek drink u nirrangaw kollox...*” Illi pero mill-provi prodotti ma jirrizultax lil min intbaghat dan il-messagg u cioe lil min jghajjat in-numru 99876473.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin ta’ Settembru 2007 **xehed PS 416 Anton Buttigieg** (fol. 361) fejn wara li gie muri rapport tal-pulizija pprezentat fl-atti a fol. 14 et seq bhala Dok. MT 3, ikkonferma li huwa rapport li jirrelata dwar l-incident in kwistjoni li sehh vicin ‘7 Rooms’ fi Triq Dragonara, San Giljan, Paceville nhar il-wiehed w ghoxrin ta’ Jannar 2006 li kien sar minn Alan John Bonello. Ikkonferma li hu kien l-*officer in charge investigating* w gharaf il-firma tieghu fuq dan ir-rapport. Meta gie muri l-istqarrija esebita f’dawn l-atti rilaxxjata minn Andrew Scerri, li gharaf prezenti fl-awla, qal li l-imsemmi Andrew Scerri kien ghazel li ma jiffirmax din l-istqarrija li kienet giet rilaxxjata nhar it-tnejn w ghoxrin ta’ Jannar 2006. Ix-xhud ikkonferma l-firma tieghu u dik tal-Ispettur Mario Tonna fuq kull faccata ta’ din l-istqarrija li effettivament tikkonsisti minn erbgha faccati.

Meta gie muri stqarrija ohra rilaxxjata nhar it-tnejn w ghoxrin ta’ Jannar 2006 minn Andrew Galea, li gharaf wkoll prezenti fl-awla, liema stqarrija hija esibita bhala Dok. MTA a fol. 28 et seq, u tikkonsisti fi tlett faccati, ix-xhud ikkonferma kemm il-firma tieghu kif wkoll dik ta’ Andrew Galea u tal-Ispettur Mario Tonna fuq kull faccata taghha.

Illi nhar s-sebgha ta’ Novembru 2007 **xehed Kurt Bullock** (fol. 398) fejn qal li hu kien ghaddej minn Paceville vicin il-Vivaldi Hotel meta ra grupp ta’ nies w avvicina lill-istess grupp biex jara jekk kienx hemm xi hadd li kien jaf u wara ftit tal-hin ihares biex jara x’kien ghaddej, ra lil Matthew

Randon li gharaf prezenti fl-awla bhala wiehed mill-imputati, jitlaq mill-kommossjoni li kien hemm u spicca vicin tieghu. Qal li hu waqqfu, mar jaghtih l-ghajnuna, staqsieh x'kien gara u wara ftit semgha lil xi hadd jghajjat '*pulizija... pulizija...*' u kulhadd jitlaq jigri lil hinn. Qal li fost in-nies li kien hemm, kien hemm Andrew Scerri kif wkoll Andrew Galea imma huma telqu naha u hu mar naha ohra. Ikkonferma li kien jaf li l-imputati kienu involuti fil-glieda, pero ezattament x'ghamlu l-imputati ma kienx jaf ghax kien hemm hafna nies. Qal li imma kienet ovvja li kienu qed jiggieldu. Spjega li meta kien sejjer lil hinn, ra lil xi persuna tqum minn mal-art ferut pero x'kellu ezattament ma kienx jaf.

Illi nhar l-hamsa ta' Marzu 2008 **xehed l-imputat Matthew Randon** minn jeddu b'mod voluntarju (fol. 430) fejn qal li jiftakar li kien baghat ghalih l-Ispettur Mario Tonna u kien wkoll irrilaxxja zewg stqarrijiet. Qal li dik kienet l-ewwel darba li kien gie mitkellem minn xi pulizija. Meta x-xhud gie muri l-istqarrija rilaxxjata minnu nhar it-tnejn w ghoxrin ta' Jannar 2006 esibixa a fol 24 bhala Dok. MT 6 ix-xhud qal hu kienx ffirma dik l-istqarrija. Meta gie muri t-tieni stqarrija rilaxxjata iktar tard fl-istess jum fl-erbgha ta' wara nofsinhar minnu, liema stqarrija tinsab inserita a fol. 26 et seq bhala Dok. MT 7, ix-xhud qal li kien ffirma din t-tieni istqarrija. Spjega li ma kienx iffirma l-ewwel stqarrija peress li kien zghir u ma kienx jaf xi jrid jaghmel u sussegwentement, wara li kien irrilaxxja l-ewwel stqarrija, kien talab lil Ispettur Mario Tonna sabiex jaghmel stqarrija ohra u hekk ghamel u kien ghalhekk li kien hemm zewg stqarrijiet.

Ix-xhud stqarr li kien jum is-Sibt u kien hareg flimkien ma hbieb tieghu fosthom Andrew Galea, bil-karozza tieghu dak iz-zmien w inqata minn mal-grupp ghax ried imur ikellem habib iehor tieghu. Qal li kien jaf li shabu kienu sejrin l-'Bamboo' u mar jiltaqa' maghhom iktar tard filghaxija. Spjega li meta wasal hemmhekk, ra lil Andrew Scerri jargumenta ma persuna ohra f'kantuniera u hu kien quddiem Andrew Scerri wara Alan John Bonello. Qal li ma kienx jaf jekk Andrew Scerri tax daqqa ta' ponn jew imbotta lil Alan John Bonello pero ra lil Alan John Bonello

jaqa' mal-art w s-sitwazzjoni splodiet, u ma kienx jaf x'gara. Qal li waqt li kien hemmhekk, ra grupp ta' nies jaghtu lil persuna li kienet mal-art, liema persuna li kienet ma l-art m'gharafhiex dak l-hin w innota min kienet, meta din il-persuna tgerbet li sar jaf li kien Alan John Bonello. Qal li dak l-hin ma kienx jaf x'kien qed jigri u sussegwentement gie milqut f'saqajh mill-persuna li kienet mal-art, zelaq u habib tieghu gabru u semgha lil xi hadd jghajjat ghal pulizija u telqu jigru, ghaliex wara dan l-incident, kulhadd qisu kien konfuz u baqghu mexjin fl-istess direzzjoni. Zied jghid li hu kellu jmur mal-gharusa tieghu fl-istabbiliment 'Old Cake' u peress li kienet ix-xita, qaghad f'dan il-post u meta waqfet ix-xita, telaq. Ikkonferma li fl-ebda hin ma hebb ghal Alan John Bonello.

<u>Mistoqsi jekk iggelidx ma xi hadd wiegeb li l-unika mument li ggieled ma xi hadd, kien meta ta' daqqa ta' sieq lil Alan John Bonello meta kien mal-art, wara li kien tah daqqa.</u> Qal li dak li qal fit-tieni stqarrija kien kollu veritier. Mistoqsi x'partecipazzjoni kellu fil-glieda, wiegeb li kienet dak li qal fix-xhieda tieghu. Zied jghid li wara li telaq mill-'Old Cake', mar l-'Burger King' mat-tfajla u telqu d-dar.

Ix-xhud spjega li llum il-gurnata jahdem mal-Lufthansa Teknik u li meta sehh l-incident kellu biss sbatax il-sena.

Illi nhar l-erbatax t'April 2008 **xehed l-imputat Andrew Scerri** minn jeddu b'mod voluntarju (fol. 434) fejn qal li gimgha qabel l-wiehed w ghoxrin ta' Jannar 2006, hu kien mar Paceville flimkien ma shabu fejn iltaqa ma Alan John Bonello go bar. 'Kayote' f'Paceville u rah jaghti ma siehbu Gilbert Amato Gauci. Spjega li wara ftit s-sitwazzjoni donnha kkalmat peress li marru s-*securities* u keccewhom 'l barra. Qal li sussegwentement marru xi tnax il-ruh u bdew jaghtu lil kulhadd u hu beda jaqla' wkoll u reġghu gew s-*securities* w ghalhekk telqu lil hinn w il-kwistjoni spiccat hemm. Qal li hu ma reġghax ra lil Alan John Bonello wara l-incident.

Zied jghid li sussegwentement hu kien baghat messagg w anke cempel lil Alan John Bonello biex jghidlu li xtaq jirranga l-pendenzi ta' bejniethom. Kompla jghid li wasal l-

weekend u fuq insistenza ta' Alan John Bonello kellhom jitlaqghu l-'Bamboo'. Qal li ghal ewwel bezgha li jerġa jirretpeti ruhu l-incident w ghalhekk qal lil shabu jistennewh hdejn d-Dragona. Qal li hu ma kellu ebda ntenzjoni li jiggieled.

Zied jghid li dakinhar Alan John Bonello mar hemm ma erbgha hbieb tieghu, fosthom Clayton Attard, filwaqt li hu kien wahdu. Qal li meta wasal hemm, resaq zewg passi boghod biex ikellem lil Alan John Bonello filwaqt li shabu baqghu jistennewh aktar lil hinn. <u>Spjega li huma bdew jillitigaw, Alan John Bonello mbuttah u tah daqqa ta' minkeb u waqa mal-art.</u> Qal li dak l-hin, hu dar biex jara fejn kienu shabu ghax bezgha li kienu ser jattakkawh, u appena dar, ra folla nies fuq Alan John Bonello li dak l-hin kien mal-art u semgha lil xi hadd jghajjat '*gejjin il-pulizija*' u telqu lil hinn.

Cahad dak li qalu x-xhieda li hu ta xi daqqa ta' sieq jew ta' ponn lil Alan John Bonello ghax kull ma tah kienet daqqa ta' minkeb. Zied jghid li meta Alan John Bonello kien mal-art, hu mar fejn il-kantuniera u kif ra l-folla nies, nizel 'l isfel u ma reġghax resaq lejn Alan John Bonello. Qal li l-unika haga li ried kienet li jiltaqa mieghu sabiex jirrangaw il-kwistjoni li kien hemm bejniethom u wara kullhadd imur fi triqtu.

In kontr'ezami, mistoqsi jekk kienx ghamel rapport fuq l-incident li kien sehh qabel dan in dezamina, u cioe gimgha qabel, ix-xhud wiegeb fin-negattiv. Cahad li hu kien qal li ried li jkun hemm glieda gimgha wara l-ewwel incident u li shabu kienu qed jifthemu sabiex ikun hemm ghal glieda s-Sibt ta' wara. Cahad wkoll dak suggerit mill-prosekuzzjoni li hu kien baghat xi SMS f'dan r-rigward lil shabu. Qal li meta hu ta daqqa ta' minkeb lil Alan John Bonello, dan waqa mal-art u ma qamx. Qal li hu kien mar wahdu biex jirranga ma Alan John Bonello u li ried lil shabu jkunu vicin ghaliex bezgha. Ikkonferma li shabu fl-ebda hin ma dahlu fil-kwistjoni. Qal li n-nies li kellu mieghu hdejn d-Dragonara, kienu l-ko-akkuzati li kien jafhom kollha b'eccezzjoni ta' Ben Christopher Cassano. Qal li mid-dehra, Ben Christopher Cassano kien ma

shabu pero hu ma kienx jaf dan. Qal li qabel dakinhar, lil Ben Christopher Cassano ma kienx jafu.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin ta' Mejju 2008 **xehed l-imputat Andrew Galea** minn jeddu b'mod voluntarju (fol 438) fejn qal li ghandu ghoxrin sena u li kien jattendi l-Universita jistudja BA English u Psychology. Qal li fiz-zmien tal-incident kien student l-Junior College. Qal li ma kienx imur l-iskola n-Naxxar. Stqarr li lil Andrew Scerri ma tantx kien jafu, kien jafu biss minn wiccu. Ftakar li jum s-Sibt filghaxija, hu u l-gharusa tieghu ddecidew li jmorru Paceville u marru f'bar 'Streetfellows' peress li gieli ltaqghu ma xi nies hemmhekk. Spjega li waqt li kienu hemm, ra lil Andrew Scerri jitkellem ma gemgha nies u donnu deher xi ftit preokkupat u hosbien. Qal li kellu xi tbengil u staqsih x'kien gralu u dan irrispondih li kellu xi nkwiet il-gimgha ta' qabel barra l-'Kayote Bar' u qallu li '*he was ambushed*'. Zied jghid li Andrew Scerri dakinhar kien qallu wkoll li lanqas kien jaf kif bdiet il-glieda u li kellu l-isperanza li jerġa jaghmel hbieb mal-persuna nvoluta peress li bezgha li jista jkun hemm xi glieda ohra. Zied jghid li dak l-hin Andrew Scerri talbu jakkumpanjah peress li bezgha li kien ser jerġa jigi attakkat. Kompla jghid li setgha jmur jakkumpanjah pero qallu li jekk jara li kienu ser jkunu cirkondati, kien ser jersaq lil hinn w ghalhekk halla l-grupp li kien mieghu Andrew Scerri u baqa' hemm jitkellem mal-gharusa tieghu.

Spjega li ftit wara, ra ftit nies bil-wieqfa u fosthom Andrew Scerri u qallu 'tigi mieghi' u hu ha din l-istedina bhala li ried li jakkumpanjah u mar ghaliex haseb li kien ser jitkellem man-nies li kien hemm barra. Qal li meta kien sejjer lejn l-'Bamboo', semgha l-grupp jghid li kellhom jiltaqghu ma Alan John Bonello hemmhekk. Qal li dak z-zmien lil Alan John Bonello ma kienx ghadu jafu. Qal li meta waslu bdejn l-'Bamboo', Andrew Scerri qalilhom jistennewh ftit 'l boghod ghax ma riedtx qisu jidher li kien ser jidhol f'xi glieda w ghalhekk xtaq li jkellem lil Alan John Bonello wahdu. Qal li huma kienu boghod minnu xi hmistax il-metru u minn fejn kien, setgha jara lil Alan John Bonello javvicina lil Andrew Scerri biex ikellmu u kien hemm madwaru xi tnejn jew tlieta minn nies. Ix-xhud

stqarr li hu baqa' jitkellem ma shabu u ma haseb xejn partikolari sa ma sehh l-incident. Qal li f'xi hin, semgha lil shabu jsemmu l-incident li kien sehh il-gimgha ta' qabel u qalu wkoll li l-grupp ta' Alan John Bonello kienu xi ghaxar minn nies filwaqt li ta' Andrew Scerri kienu xi tnejn biss.

Kompla jghid li waqt li kienu qed jitkellmu, bdew jisimghu ghajjat li persuna kellha bzonn l-ghajnuna u kulhadd telaq jigri fid-direzzjoni fejn kien Andrew Scerri u kif waslu hemm, sab lil Andrew Scerri u persuna ohra li wara sar jaf li kien Alan John Bonello, u xi tnejn jew tlieta minn nies ohra, vicin xulxin u lil Alan John Bonello jaqa' mal-art. Qal li jemmen li kien gie milqut minn Andrew Scerri u t-tnejn kienu aggressivi ma xulxin. Qal li hu ra lil Andrew Scerri jew jimbotta jew jaghti daqqa, Alan John Bonello mar lura u waqa' mal-art. Zied jghid li dak l-hin, hu resaq fuq Alan John Bonello u tah daqqa ta' sieq u telaq lil hinn. Qal li nnota tnejn jew tlieta minn nies li kienu mieghu, kienu telqu w ghalhekk gera' flimkien ma nies ohra. Qal li din l-kwistjoni damet biss xi ghaxar sekondi. Zied jghid li wara ra lil Andrew Serri li ma kienx cirkondat minn xi nies pero ddecieda li ma jkollux j'jaqsam mal-incident in kwistjoni u ghalhekk reġa' mar lura fil-bar fejn kien qabel. Stqarr li hin minnhom semgha wkoll lil xi hadd jghajjat '*pulizija… pulizija …*' u kulhadd jigri lil hinn, pero dan meta hu kien diga telaq minn fuq il-post. Zied jghid li waqt li kien qed jitkellem ma shabu, kien gabar bicca njama mill-art u kien qed ixejjirha u meta telaq jigri, din baqghet f'idejh u remiha waqt li kien qed jigri. Qal li pero qatt ma ta biha.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin ta' Gunju 2008 **xehed l-imputat Ben Christopher Cassano** minn jeddu b'mod voluntarju (fol 442) fejn qal li kien minnu li l-pulizija kienet baghtet ghalih nhar it-tlieta w ghoxirn ta' Jannar 2006 u hu kien rrilaxxja l-istqarrija esebita f'dawn l-atti mmarkata bhala Dok. MT 11 a fol. 35 u 36, liema stqarrija giet moqrija lilu. Hu kkonferma l-kontenut ta' din l-istqarrija. Stqarr li hu jahdem fl-*air conditions* mas-socjeta CAM. Qal li Daniel Cassar Trigona kien habib kbir tieghu u meta kien ikollhom problemi kienu jghinu lil xulxin. Qal li lil Andrew Scerri ma kienx jafu. Qal li pero, dakinhar, Andrew Scerri kien qalilhom biex jistennewh f'dik il-parti vicin hafna fejn

hemm il-Vivaldi Hotel Paceville w ghalhekk hu mar vicin il-'Bamboo', biex jiltaqa' mal-persuna l-ohra u qaghdu jistennew hemmhekk ghal xi ghaxar minuti xi tletin metru boghod. Qal li ghal ewwel bdew jitkellmu b'mod normali, pero imbaghad xi hin xi hadd ra persuna mal-art u hu ra lil Andrew Scerri jolqtu u jinzel ma' l-art. Qal li minn dak il-hin 'l quddiem, qam qisu paniku kbir u ra lil xi hadd jitlaq jigri. Spjega li hu avvicinah ghas-semplici raguni li ra li kulhadd sejjer 'l hemm u hu dak l-hin kien ma Daniel Cassar Trigona u meta rah telaq jigri warajh. Qal li x'hin waslu fejn kienet qed issehh il-glieda, baqghu hemmhekk, mhux jippartecipaw, imma jharsu lejn dak li kien qed jigri. Qal li kien hemm hafna glied u meta l-glieda sahnet, telaq 'l hemm u mar jigbed lil Daniel Cassar Trigona lura u sakemm kien sejjer jigbed lil Daniel, il-persuna li kienet mal-art minhabba l-paniku li kien hemm qabadlu saqajh. Qal li hu ma kienx qed jippretendi dan w ghalhekk, biex innehhilu idejh minn madwar saqajh, ta' daqqa ta' sieq, pero mhux b'mod intenzjonat.

Illi nhar s-sittax ta' Settembru 2008 **rega' xehed Ben Christopher Cassano** (fol. 452) fejn esebixxa dokument mahrug mill-ETC liema dokument jindika il-*working experiences* li kellu, liema dokument gie mmarkat bhala Dok. ETC.

Illi nhar l-ewwel t'Ottubru 2008 **xehdet l-Probation Officer Victoria Grech** (fol. 457) fejn qalet li hi ghamlet zmien isegwi lil Daniel Cassar Trigona fil-kapacita taghha bhala Probation Officer. Qalet li huwa kien inghata ordni ta' Probation mill-Qorti tal-Minorenni mill-Magistrat Vella f'Ottubru 2004 li spiccat f'Ottubru 2007. Qalet li hu kellu ordni ta' supervizjoni qabel m'inghata il-Probation u li waqt li huwa kien klijent tal-probation, ma kienx wiehed ezemplari, peress li primarjament huwa kellu *addiction* li jisniffja il-*butane* u li ma hawnx kura medika ghal dan.

Qalet li hu kien wkoll jesperimenta bi drogi lleciti fost problemi socjali u familjari. Spjegat li waqt li huwa kien fuq probation, ghalkemm il-genituri tieghu kellhom intenzjonijiet tajbin u anke *extended relatives*, fosthom in-nannu tieghu, l-imputat iktar inghata tfixkil milli ghajnuna.

Qalet li llum il-gurnata Daniel Cassar Trigona jghix id-dar mal-genituri tieghu, gieli spicca Mount Carmel kif wkoll il-habs. Pero, ziedet tghid ix-xhud, illum il-gurnata Daniel Cassar Trigona tbiddel, u hi m'ghandhix supervizjoni fuqu ghalkemm hu kien ghazel li jzomm kuntatt maghha. Qalet li Daniel Cassar Trigona huwa bniedem li jahdem b'mod regolari u jidher car li llum il-gurnata m'ghadux jiddependi fuq id-droga u dan ghaliex qed imur hu jfittixha. Qalet li gieli taghmel kuntatt maghha ommu, li mhix obligata li taghmel dan, biex tghidilha kemm tbiddlu l-affarijiet.

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk ma hemmx dubbju li kollox jiddependi fuq kredibilita tax-xhieda u dan billi bhala gudikant, il-Qorti sejra taghti qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hiex kostanti u ta' fatizzi ohra tax-xhieda taghhom u jekk x-xhieda hiex imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti hija f'posizzjoni ferm aktar favorevoli minn Qrati ohra meta tigi sabiex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghexet il-process kollu tul medda ta' zmien u ghalhekk kienet f'posizzjoni, wara li semghet x-xhieda kollha jixhdu viva voce quddiemha, tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom stante li kienet hi stess li kkonstatathom x'interess setgha kellu xi xhud f'dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar prova sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale*** - Vol III Kap IV- pg. 234- Ediz 1890 -

"*Il cosi detto onero della prova cioe il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui asserit.*"

Il-prosekuzzjoni resqet diversi xhieda jixhdu apparti l-vittma ighidu u jispjegaw dak li gara dakinhar barra l-

istabiliment ‘Bamboo’ nhar il-wiehed w ghoxrin (21) ta’ Jannar 2006.

Jirrizulta bla dubbju ta’ xejn li l-gimgha qabel dan l-incident mertu ta’ din il-kawza. l-vittma Alan Bonello u l-imputat Andrew Scerri kellhom xi jghidu waqt li kienu l-iskola gewwa in Naxxar.

Illi m’hemmx dubbju wkoll li l-imputat Andrew Scerri hass ruhu mwegga’ b’dak li kien gara u li kien gie aggredit u zamm go fih w irritalja fl-ewwel opportunita li kellu.

Jirrizulta ukoll gha-sodisfazzjoni tal-Qorti li l-imputat Andrew Scerri xtaq jiltaqa’ mal-vittma dakinhar mhux sabiex jiccaraw il-pendenzi ta’ bejniethom u jiehdu b’idejn xulxin, izda sabiex ippatiliu ta’ dak li kien sehh gimgha qabel. Ghalhekk ippjana li jiltaqa mal-vittma u jiehu grupp ta’ hbieb mieghu ghas-support sabiex jekk il-kwistjoni tisthon, ikollu l-ghajnuna. Tant hu hekk, li meta effettivament iltaqghu, l-imputat Andrew Scerri u l-vittma Alan John Bonello, huma qaghdu appartati miz-zaghzagh l-ohra li kien hemm u donnu spiccat ‘*a free for all*’ meta l-imputat Andrew Scerri ta daqqa ta’ ponn lil Alan John Bonello f’wiccu u dan waqa’ mal-art. Kien hemmhekk fil-fatt li jghid l-imputat stess li beda jaqla’ daqqiet u li ra hafna pari saqajn madwaru. Il-vittma jghid li huwa cert mill-fatt li l-imputat Andrew Scerri tah daqqa ta’ ponn u mhux laqtu b’minkbu, kif stqarr l-imputat fuq il-pedana tax-xhieda u li l-imputat u li l-imputat Daniel Cassar Trigona tah daqqiet ta’ sieq waqt li kien ma l-art.

Illi dwar dawn il-fatti ma jirrizultax li hemm kontestazzjoni u dan ghaliex l-imputat Daniel Cassar Trigona jammetti fix-xhieda tieghu li verament ta daqqiet ta’ sieq lil vittma Alan John Bonello waqt li kien ma l-art filwaqt li l-imputat Andrew Scerri jghid ukoll li laqat lill-vittma.

Illi pero ma hux biss l-vittma Alan John Bonello li jghid li l-imputat Andrew Scerri tah daqqa ta’ ponn bejn ghajnejh, izda kien hemm terzi persuni li rawh w iddeskrivew dak li ghamel l-imputat Andrew Scerri. Andrew Scerri biss jghid

li laqtu b'minkbu filwaqt li l-ohrajn jghidu li rawh jaghti daqqa ta' ponn lil Alan John Bonello bejn ghajnejh.

Illi ghalhekk m'hemmx dubbju li kien l-imputat Andrew Scerri li kkawza l-feriti li subixxa Alan John Bonello f'wiccu w ghalhekk hu huwa ghal dan l-agir, li ghandu jirrispondi.

Alan John Bonello gie ezaminat minn diversi dentisti fosthom Doctor Alex Cassar u Doctor Alex Azzopardi. Fix-xhieda tieghu Doctor Alex Cassar ighid li l-feriti li Alan John Bonello ssubixxa kienu ta' natura gravi ghaliex fil-fehma tieghu, dan l-incident ser ibiddel l-estitika ta' wicc Alan John Bonello u dan ghaliex is-sinna ta' quddiem hija miksura w ghalhekk ghandha tinbidel u meta Alan John Bonello jiftah halqu sabiex jitkellem, ser ikun hemm din is-sinna artiicjali li ser tidher.

Il-Qorti kienet innominat lil konsulent Doctor Alex Azzopardi sabiex jesamina lil Alan John Bonello u dan stqarr li qed jikkonferma dak li stqarr Doctor Alex Cassar fin-notamenti tal-isptar u cioe li l-feriti kienu gravi u zied ighid li Alan John Bonello ser ikollu bzonn *coronal coverage restoration*, b'hekk ried ifisser li is-sinna tieghu ta' quddiem mhiex ser tkun dik naturali tieghu.

Hawnhekk il-Qorti thoss li ghandha taghmel referenza ghas-sentenza citata mill-avukat difensur tal-imputat Andrew Scerri, ghalkemm referenza lil Qorti ma tax, ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-tnax ta' Settembru 2006*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Spagnol** fejn gie ritenut li:-

"*B'mankament fil-wicc il-ligi qed tirreferi ghall-kull deterjorament tal-aspett tal-wicc li, anke minghajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduci sfigurament "cioe' peggioramento d'aspetto notevole o complessivo o per l'entita' della alteranzione stessa, o per l'espressione d'assieme del volto". Sfregju, mill-banda l-ohra u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista' ssir fil-regolarita' tal-wicc, fl-armonija tal-lineamenti tal-wicc, u anke f'dik li hija s-sbuhija tal-wicc. Skond gurisprudenza ormai pacifika, din il-hsara li tammonta ghal sfregju trid*

*tkun vizibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin". Skolorament tal-gildajista' jipproduci kemm sfregju kif ukoll mankament fil-wicc. Is-snien m'humiex parti mill-wicc, ghalkemm it-telf ta' hafna snien jistghu jgibu kemm sfregju kif ukoll mankament minhabba l-effett li jistghu jhallu fuq il-wicc u specjalment fir-regjun tal-halq. Pero' la t-tul ta' l-infermita' u lanqas il-permanenza o meno taghha m'huma relevanti ghall-finijiet tas-subartikolu 216 (1) (b)."*

Ma hemmx dubbju li skond ma qalu id-dentisti, *una volta* thares lejn Alan John Bonello minn distanza normali, minnufih ser tinduna li s-sinna ta' quddiem, mhux tieghu u dan jaffettwa l-estetika tal-wicc tieghu w hu appuntu ghalhekk li din il-Qorti tghid li din l-akkuza ta' ferita gravi tissusisti.

Illi Alan John Bonello gie wkoll ezaminat minn Doctor Eric Farrugia li huwa ENT Surgeon u dan ikkonferma li l-imnieher ta' Alan John Bonello ma kienx dritt, pero ma kellux prova li qabel l-incident dan ma kienx hekk. Zied ighid, li ksur ma kienx hemm u li fil-fehma tieghu, l-feriti li subixxa f'imniehru, kienu ta' natura hafifa.

Illi ghalhekk il-Qorti ma taqbilx mad-difiza meta sostniet li l-feriti kienu kollha ta' natura hafifa w ghalhekk ir-renunzja ta' Alan John Bonello fil-konfront tal-imputati f'dan ir-rigward, ma twassalx ghar-renunzja tal-azzjoni kriminali. Zgur pero li din il-Qorti sejra tehodha 'n konsiderazzjoni meta tigi biex terroga l-piena.

Id-difiza sostniet ukoll li l-imputat Andrew Scerri agixxa 'n legittima difesa tieghu peress li kien qed jigi aggredit mill-vittma stess.

Ghaldaqstant, il-Qorti sejra telabora aktar fuq id-difiza ta' legittima difesa u dan fid-dawl tac-cirkostanzi tal-kaz in desamina.

Kif inhu ben saput, il-gustifikazzjoni ghal legittima difesa, tirrizulta meta persuna tilqa b'forza l-vjolenza jew aggressivita ta' persuna ohra diretta lejha jew lejn terzi,

kontra liema persuna hekk aggressive, l-agir tad-difensur imputat, huwa dirett. Fil-legittima difesa, trid tkun intlahqet sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaccja tal-istess, bl-agir tal-aggessur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni kkrejata unikament mhux minn min jadotta dik t-tip ta' difiza, izda minn min jqed juri jew jimmanifesta dak il-perikolu jew theddid jew dannu mminenti.

Fil-fatt l-artikolu 233 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta jghid:

"*Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mill-ligi jew mill-awtorita legittima, jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed nnifsu jew ta' haddiehor.*"

Dan il-kliem huwa car hafna fih nnifsu.

L-artikolu 224 tal-istess Kap 9 jispecifika l-kazijiet ta' bzonn attwali tad-difiza legittima.

Jigi rilevat minnufih li d-dritt ghal legittima difesa jitwieled u huwa konsegwentement naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu.

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali*** fil-kawza fl-ismijiet **il-Pulizija v Joseph Micallef** **(Vol. XXXIV pg. 1072)** intqal li:-

"*Id-disposizzjoni tal-ligi li tiskuza lil min jikkaguna offiza lil persuna ohra in difesa tal-proprjeta tal-ferritur, tirrikjedi li l-azzjoni, biex ikun skuzabbli, ghandha tizvolgi ruhha dak il-mument stess li tkun qed tigi nvaza l-proprjeta w in difesa attwali taghha.*"

F'sentenza moghtija mill-***Corte di Cassazione nhar s-sitta w ghoxrin ta' Jannar, 1948*** (Riv. Pen.1948 pg. 213) gie ritenut li:-

"*Per la legittima difesa non occorre che sia in atto la violenza; basta il pericolo. E' sufficiente il gustificato*

*timore di un offesa imminente. Nemo tenetur expectare doneo perciliatur.*"

Il-ligi taghna pero timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jeffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara rreparabbli lid-difensur, jigifieri hsara jew offiza fil-hajja, fil-gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu, stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri, l-perikolu ghandu jkun attwali, istantanju w assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat.

Il-perikolu ghandu jkun <u>attwali</u>, ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel, ghax dan jista jaghti kaz biss ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima.

Il-perikolu jrid wkoll ikun <u>assolut</u> cioe li f'dak il-mument li kien qed jsehh, ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Ghandu jigi applikat t-test soggettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qorti dejjem specifikaw, u mhux bizzejjed li wiehed jghid x'setgha ghamel jew x'messu ghamel id-difensur (l-imputat) qabel ma ha l-azzjoni ‘n difesa bl-uzu tal-forza.

Fil-fatt il-**Professur Mamo *fin-Noti tieghu*** tal-ligi penali jghid:

"*The danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time.*"

Fil-fatt, fil-kawza deciza mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghoxrin ta' Jannar, 1995*** fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v Joseph Psaila</u>** jinghad li:-

"*Wiehed ghalhekk ghandu jpoggi lilu nnifsu fil-posizzjoni u stat mentali u psikologiku tal-imputat difensur meta agixxa*

*b'dak il-mod fic-cirkostanzi kif hassu dak il-hin u moment, u cioe mbezzgha u panikuz u l-hsieb tieghu li ser jigi aggredit b'xi haga.*"

Il-Qorti ghalhekk ghandha taghmel apprezzament tal-fatti fl-isfond tas-suespost.

**L-imputat Andrew Scerri xehed** a tempo vergine tal-incident, ftit wara. Issa, kif hu ben saput fis-sistema gudizzjarja nostrana, sabiex tigi radikata htija tal-imputat ghal feriti gravi, hija bizzejjed l-intenzjoni generika li jikkawza xi offiza fuq il-persuna tal-ferut. Il-ligi trid principalment, tikkastiga u tiddiswadi l-uzu t'aggressjoni fizika bhala reazzjoni ta' persuna ghal komportamenti u disappunti riskontrati fir-relazzjonijiet socjali u huwa hati ta' reati ta' offiza fuq il-persuna, kull wiehed li jikkawza feriti fuq haddiehor.

Fil-ligi taghna, ai fini ta' reati ta' offiza voluntarja fuq il-persuna, hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Jekk l-intenzjoni tal-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hi zghira, din il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu jrid iwiegeb ghal konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta t'ghemilu.

Id-difiza, wkoll bla pregudizzju ghas-suespost, eccepiet l-legittima difesa kif kontemplat fl-**artikolu 223** tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe li:-

"*Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offizi fuq il-persuna huma ordinati jew permessi mill-ligi, jew mill-awtorita legittima, <u>jew mehtieg mill-bzonn</u> attwali tad-difiza legittima ta' wiehed nnifsu jew ta' haddiehor.*"

Fil-fatt l-***Imhallef Harding*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-<u>Pulizija v Joseph Attard</u>** ***deciza fil-hdax ta' Novembru, 1968*** jghid:

"*L-estremi tal-legittima difesa ma jistghux jigu ndikati ahjar milli bil-formula klassika tal-Carrara li l-perikolu hemm*

*bzonn li jkun ingust, gravi w inevitabbli. Skritturi ohra m'ghamlux hlief elaboraw dan l-element.*"

Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi, li jekk jaffettwaw ruhhom, jikkagunaw hsara rreparabbli lid-difensur, jigifieri hsara jew offiza fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur.

Fl-ahhar nett irid jigi wkoll nnutat li biex imputat ikun jista jigi gustifikat ghal kollox fid-difiza legittima, huwa m'ghandux jaddotta metodi li huma ‘n eccess jew sproporzjonati ghall-aggressjoni jew minaccja ta' perikolu.

Fil-fehma tal-Qorti, ma jidhirx li kien hemm xi perikolu gravi, imminenti jew inevitabbli. Kien hemm semplici argument li gie provokat mill-fatt li gimgha ta’ qabel l-imputat Andrew Scerri kien gie aggredit. L-imputat Andrew Scerri baqa’ izomm go fih u kif jirrizulta mill-SMS’s esebiti organizza grupp ta’ hbieb sabiex imorru mieghu biex ippattuha lil min agredih. Huwa minnu li shab l-imputat Andrew Scerri ma baqghux hdejh ‘l hin kollu, izda l-intensjoni ta’ Andrew Scerri kienet wahda, li jwegga’ lil Alan John Bonello u li shabu jkunu vicin f’kaz ta’ bzonn sabiex jaghtuh l-ghajnuna li talvolta seta’ kellu bzonn.

L-imputat Andrew Scerri wera’ certa aggressivita fl-ghemil tieghu billi mar ifittex lil Alan John Bonello biex ippattielu ta’ dak li kien gara, mhux minnu dak li qal hu, li ried jiltaqa’ mieghu sabiex jirrangaw il-pendenza ta’ bejniethom. Jirrizulta anke minn shab l-imputat Andrew Scerri li l-intensjoni tal-imputat Andrew Scerri ma kienitx dik.

Il-Qorti mhix moralment konvinta, anke fuq bazi ta’ probabilita, li l-feriti li garrab Alan John Bonello sofrihom fil-kuntest ta’ legittima difesa jew eccess ta’ legittima difesa.

Lanqas ma l-Qorti tara li l-imputat Andrew Scerri agixxa taht l-influwenza ta’ passjoni stantanea jew agitazzjoni tal-mohh li minhabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma setghax iqis

l-ghemil tieghu kif kontemplat fl-artikolu 227(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Id-difiza sostniet ukoll bla pregudizzju ghad-difiza l-ohra mressqa minnha, li l-imputat Andrew Scerri agixxa taht provokazzjoni.

Issa, l-artikolu 227(c) jiddisponi li l-omicidju (u bl-applikazzjoni tal-artikolu 230(b) tal-Kap 9 japplika wkoll f'kazijiet ta' griehi, kazijiet ta' offizi voluntarju fuq il-persuna) huma voluntarji u skuzzabbli.

"*Meta jsir minn persuna filwaqt li tkun taht l-influwenza mmedjata ta' passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh li minhabba fiha, filwaqt tad-delitt, ma tkunx tista tqis l-eghmil taghha.*"

Pero dan l-artikolu jkompli jispjiega li:-

“*Sabiex l-akkuzat jitqies li ma kienx jista jqis l-eghmil tieghu, jinhtieg, fil-kazijiet ta' provokazzjoni, li fil-fatt l-omicidju (jew l-offizi) jkun sar minhabba sahna ta' demm u mhux ghaliex kien hemm il-hsieb maghmul tal-qtil ta' persuna jew ta' hsara gravi fuq il-persuna, u li r-raguni tal-provokazzjoni kienet tali li f'mument ta' temperament ordinarju, komunement igib l-effett li ma jkunx kapaci li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt.*"

Sabiex ssir interpretazzjoni tajba ta' dan l-artikolu jinhtieg li ssir attenzjoni partikolari ghal kliem tal-ligi.

Meta l-iskuza ta' passjoni stantanja kienet qed tigi proposta biex ssir difiza fil-Kodici Kriminali, **Sir Andrew Jameson** oppona bil-qawwa tant li qal is-segwenti:-

“*The exercise of instantaneous passion seems to be so dangerous among a southern race and so contrary to the sound principles of criminal responsibility that I cannot recommend it to be retained in the prepared code without great modification.*"

**Sir Andrew Jameson** ghalkemm qabel ma guristi ta' diversi pajjizi li tesisti differenza bejn omicidju kommess taht passjoni istantanja w omicidju kommess b'mod volut u deliberat, hass il-htiega li din l-iskuzanti tigi ammessa fil-ligi taghhom b'diversi verifiki *on such outbreaks of brutal violence of temper.* W appuntu ghalhekk li llum ghandna l-artikolu 227(c); sabiex persuna tkun tista tigi kkunsidrata nkapaci li tifforma l-hsieb jekk jeziztu certi cirkostanzi.

L-ewwel nett l-omicidju jew offiza trid tkun risultat tas-sahna ta' demm tal-mument **u mhux** rizultat ta' intenzjoni specifika ta' qtil jew ta' hsieb li tikkawza offiza lil persuna.

Fit-tieni lok, il-provokazzjoni trid tkun tali li f'nies ta' temperament normali w ordinarju ma jkunux jistghu jqisu l-konsegwenzi tar-reat.

Din t-tieni konsiderazzjoni trid tigi spjiegata fic-car billi gie tenut li t-test li jrid jigi applikat sabiex jigi ppruvat li l-provokazzjoni kienet tali li tnehhi s-*self control* ta' bniedem normali, cioe bniedem ta' temperament ordinarju. Min hu bniedem normali jew bniedem li ghandu temperament normali, hija kwistjoni ta' fatt li hija difficili tistabilixxi.

Ghalhekk, kif sewwa ndirizza lil gurati l-Imhallef fil-guri **Repubblika ta' Malta v Martin Galea** li gie deciza mill-Qorti Kriminali fl-ewwel ta' Settembru, 1982, t-*test* li jrid jigi addottat, hu mhux dwar x'tip ta' persuna partikolari jrid jigi gudikat, jew ta' karattru tal-persuna, imma jekk persuna ta' temperament normali fic-cirkostanzi li jinstab fihom kienx ikun inkapaci li jqis l-konsegwenzi tal-azzjoni tieghu. Ghalhekk, mhux qed niehdu bniedem *cold blooded*, izda bniedem komuni u normali fil-gisem u fil-mohh.

Fit-tielet lok fl-artikolu 227(c) l-ligi ma tispecifikax x'tip ta' provokazzjoni irid ikun hemm bhal ma jistqarr l-artikolu 227(a) cioe ferita gravi. Ghaldaqstant minhabba dan n-nuqqas jispetta lil gudikant jezercita l-gudizzju savju tieghu dwar x'hinu l-kawza ta' provokazzjoni. Ghalhekk salv ghall-eccezzjonijiet naxxenti mill-ligi stess u cioe mill-artikolu 229:-

"*Kull fatt, ikun xi jkun, li jinduci passjoni subitanea jew eccitament mentali bhala rizultat, l-agent huwa fil-mument tal-qtil inkapaci li jirifletti huwa bizzejjed basta pero l-kundizzjonijiet imsemmija aktar 'l fuq gew sodisfatti.*"

Fil-fatt il-**Professur Mamo** fin-noti tieghu taht t-titolu ***Crimes from sudden passion*** - pg. 121 jghid:-

"*That sudden passion so disturbs that balance of the mind and so agitates the emotions that a person acting in these circumstances, cannot form a clear and definite intention to commit a particular crime, or at any rate it must always remain doubtful whether his acts were directed to one crime rather than to another, whether they represented the end of the offender, rather than the commencement of the execution of a more serious crime.*"

Fir-raba lok, il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 235 tal-Kap 9 u cioe li ma jiswewx lil hati l-provokazzjonijiet imsemmija fl-artikoli fuq citati u cioe 227 u 230 meta ma jkunux saru filwaqt tal-azzjoni li taghha jingiebu bhala skuza.

Fi kliem iehor ghalhekk huwa necessarju *sine qua non* li l-qtil jew l-offizi saru mmedjatament wara u fuq l-provokazzjoni tal-vittma. Ghaliex f'kaz li hemm bizzejjed hin sabiex il-passjoni tonqos jew tibred w ghalhekk bizzejjed hin sabiex l-agent jerga jigi f'tieghu fis-sens li ma jkunx f'sahna ta' demm, allura m'hemmx din il-provokazzjoni izda ikun hemm tpattija voluta. Dan hu proprju dak li gara f'dan il-kaz - tpattija voluta.

**Glanville Williams** fit-***Textbook of Criminal Law*** - pg, 479 jghid:-

"*Killing in provocation is a kind of killing in revenge but we refrain from calling it that. The term 'revenge' is used for retaliatory action that is planned and cold blooded. Provocation refers to the heat of the moment.*"

Id-definizzjoni klassika tal-kelma *'provocation'* giet mehuda mill-indirizz moghti mill-**Imhallef Derlin** fl-Ingilterra fil-kawza ***R v Duffy*** (1945) fejn qal:-

"*Provocation is some act or series of acts done by the dead man to the accused which would cause in any reasonable person and actually causes in the accused, a sudden and temporary loss of self control rendering the accused so subject to passion as to make him for the moment not master of his mind."*

Illi bir-rispett kollu f'dan il-kaz, veru jista jaghti l-kaz li l-impuatt kien mimli ghal siehbu Alan John Bonello minhabba dak li kien gara l-gimgha ta qabel, pero zgur li ma kienux cirkostanzi li nqalghu proprju dak l-hin tal-aggressjoni. Il-problemi li l-imputat Andrew Scerri kellu ma siehbu Alan John Bonello, kienu kollha antecedenti ghal incident w ghalhekk l-imputat kellu kull hin u opportunita li jikkalma u jizen ghemilu.

Illi ghalhekk fid-dawl ta' dak kolu li intqal aktar 'l fuq din il-Qorti qieghda issib lill-imputat Andrew Scerri hati tal-akkuza li kkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Alan John Bonello.

Fir-rigward tal-ko akkuzati fir-rigward l-akkuza ta' ferita gravi, l-Qorti fliet ix-xhieda kollha li nghata fil-konfront taghhom w issib li ghandha <u>issib</u> lill-imputat Ben Christopher Cassano hati talli volontarjament ikkaguna ferita ta' natura hafifa u dan billi taha daqqa ta' sieq lil Alan John Bonello waqt li kien mal-art, izda <u>ma ssibux</u> hati talli kkaguna feriti ta' natura gravi.

L-imputati kollha gew akkuzati b'dak li hemm dispost fl-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 u cioe talli voluntarjament kisru il-bon ordni w l-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied.

Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali*** fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v Pio Galea</u>** deciza ***fis-sbatax ta' Ottubru, 1997***, fejn gie ritenut li biex ikun hemm dan r-reat, irid ikun hemm bhala regola, ghemil voluntarju li minnu nnifsu jew minhabba c-

cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh, jnissel imqar minimu t'inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat) dwar l-inkolumita fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita ta' proprjeta, kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita li reazzjoni ghal dak l-ghemil.

Illi dwar l-akkuza l-ohra u cioe dik naxxenti mill-artikolu 339(1)(d) u cioe li hebb ghal Alan John Bonello sabiex idejjqu, jingurjah jew jghamillu hsara u dan meta hebb ghalih b'arma, il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija fid-disgha ta' Mejju, 1997 mill-***Qorti tal-Appell Kriminali*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Pace** fejn gie ritenut li din l-kontravenzjoni kontra l-persuna ssehh meta persuna thebb kontra persuna ohra sabiex tingjurja, ddejjaq jew taghmel hsara lil dik il-persuna l-ohra jew lil haddiehor, kemm il-darba l-fatt ma jkunx jaqa taht xi disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali.  Biex persuna thebb kontra persuna ohra, m’hemmx ghalfejn li effettivament ikun hemm kuntatt fiziku; bizzejjed li jkun hemm l-potenzjalita ta' tali kuntatt permezz talmanifestazzjoni ta' forza fizika indirizzata lejn dik l-persuna l-ohra.

Forsi t-*test* Ingliz ta' din il-kontravenzjoni jiddeskrivi ahjar l-kuncett ta' hebb - *“Attempts to use force against any person with intent to insult, annoy or hurt such person or others...'*

Issa fil-kaz in ezami, l-imputati Andrew Scerri u Ben Christopher Cassano ghandhom jinsabu hatja tal-kontravenzjoni li ngurjaw w heddew lill-istess Alan John Bonello.

**Fir-rigward tal-imputati l-ohra u cioe Andrew Galea, Matthew Randon u Daniel Cassar Trigona, l-Qorti tiddikjara li ma ssibhomx hatja tal-akkuzi u tilliberhom minhom.**

Dwar il-piena fil-konfront tal-imputat Andrew Scerri l-Qorti kkunsidrat is-segwenti fatturi:-

1. Il-fedina penali netta tal-imputat Andrew Scerri esibita a fol. 10 tal-atti minn fejn jirrizulta li l-imputat m'ghandu ebda tebgha ta' reat jew kontravenzjoni registrat fuqha w ghaldaqstant ghandu jigu trattat bhalikieku huwa *a first time offender;*

2. Il-fatt li l-imputat Andrew Scerri ddispjacih sincerament ghal dak li ghamel;

3. Il-fatt li l-vittma Alan John Bonello hafer lil imputat Andrew Scerri t'ghemilu, tant li anke gie kkumpensat ghad danni li sofra u li ghalhekk m'ghadx hemm pendenzi bejniethom;

4. Il-fatt li dan l-incident kien wiehed izolat u sfortunat;

5. Il-fatt li l-imputat Andrew Scerri huwa persuna li rabbiet l-ghaqal tant li qed isegwi kors universitarju u li ghamel zmien twil ma jersaqx lejn postijiet ta' divertiment f'Paceville tul kemm damet il-kumpilazzjoni minkejja li ghadu f'zoghzitu u li qatt ma gab ruhu hazin f'dawn il-proceduri.

**Ghaldaqstant, il-Qorti,** wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli 17, 23, 31, 214, 216, 338(dd), 339(1)(d), 383, 384, 386, 412C, 412D, u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li **ma ssibx** lil imputati **MATTHEW RANDON, DANIEL CASSAR TRIGONA** u **ANDREW GALEA hatja** tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront taghhom **u tilliberhom** minn kull imputazzjoni u htija fil-waqt li tiddikjara li qed **ssib lil imputat ANDREW SCERRI hati tal-akkuzi kollha kif addebtati fil-konfront tieghu** pero minhabba ir-ragunijiet premessi, **tiddeciedi li tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu massimu permess mill-ligi ta' tlett (3) snin** u dan ai termini ta' l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u dan taht il-kundizzjonijiet imsemmija fl-ordni hawn annessa u **tiddikjara li qed issib lill-imputat lil BEN CHRISTOPHER CASSANO hati talli kkawza feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Alan John Bonello u talli dejqu u kiser il-paci pubblika u tiddecidi li tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' mija u**

**hansin (150) euro filwaqt li tilliberah mill-akkuza li kkagna ferita gravi fuq l-istess persuna.**

**Dwar t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex, ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tikkundanna lil imputat Andrew Scerri wahdu, stante li lilu biss sabitu hati li kkaguna ferita gravi, jhallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra tal-periti w esperti kollha nominati nvoluti u cioe Doctor Alexander Azzopardi [fol. 308], Martin Bajada [fol. 328] u l-Konsulent Doctor Eric Farrugia [fol 298], fl-ammont komplessiv ta' sitt mija disgha w hamsin Euro u tnejn w ghoxrin euro centezmi [€659.22], u dan fi zmien tlett (3) xhur u jekk jonqos li jhallas tali ammont, l-bilanc dovut jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull 11.65 Euro dovuta.**

**Tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifkata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali ghal dan l-ghan.**

**Tordna li din l-Ordni ta' supervizzjoni tigi annessa ma din s-sentenza u tinghata kopja lil probationer Andrew Scerri.**

**Il-Qorti tordna wkoll li kopja ta' din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation ai termini tal-artikolu 11(5) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u tissolecita lil istess Direttur sabiex jinnomina persuna li jkollha esperjenza dwar kif tittratta maz-zaghzagh u taghmel s-supervizzjoni tal-imputat Andrew Scerri.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Tonna**
**V**

**ANDREW SCERRI**
**MATTHEW RANDON**
**ANDREW GALEA**
**DANIEL CASSAR TRIGONA**
**BEN CHRISTOPHER CASSANO**

**ORDNI TA' PROBATION**
**[Artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta]**

**Seduta ta' llum, ……………………… 2009**
Billi b'sentenza moghtija llum fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi l-imsemmija persuna mputata **ANDREW SCERRI** ta’ wiehed w ghoxrin sena bin John Mary u Camilla nee Galea Testaferrata, imwieled Pieta nhar l-erbgha w ghoxrin ta’ Novembru 1987, detentur tal-karta tal-identita numru 536687M **tigi mpoggija taht Ordni ta’ Probation ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta’ tlett (3) snin mill-lum.**

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta’ Probation;

Wara li fissret bi kliem car l-effetti ta’ dan l-Ordni ta’ probation lil persuna mputata, inkluz l-htigijiet mizjuda skond s-sub artikolu 7(1) tal-Kap 446 w innutat li l-istess persuna mputata wriet li trid thares l-htigijiet ta’ din l-istess Ordni;

**Tordna lil persuna imputata titqieghed taht ordni ta’ probation ghal perjodu ta’ tlett (3) snin mill-lum taht dawn il-htigijiet:**

1. Illi matul dan il-perjodu l-persuna mputata ghandha ggib ruhha tajjeb, tghaddi hajja ta' bzulija u toqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer, inkluz kull direttivi li l-Probation Officer jhoss li jkunu necessarji sabiex ma tiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;

2. Illi l-persuna mputata ghandha tibqa zzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer skond d-direttivi li dan jaghtiha minn zmien ghal zmien u partikolarment hija ghandha, jekk l-Probation Officer jkun irid hekk, tircievi zjarat tieghu fid-dar taghha;

3. Illi l-persuna mputata ghandha minnufih tgharraf lil Probation Officer b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol taghha;

4. Illi l-persuna mputata ghandha tidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer kull erbgha xhur fid-data w il-hin li jigu komunikati lilha mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-persuna mputata.

**Tordna li kopja ta' din l-Ordni tinghata lil hati u lid-Direttur inkarigat mill-Ufficju tal-Probation Services.**

**……………………………..**
**……………………………..**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------